Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' April 2023**
**(OR. en)**

**8483/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0115 (COD)**

**EF 106**
**ECOFIN 354**
**CODEC 653**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 19 ta' April 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 228 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 228 final.

Mehmuż: COM(2023) 228 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 18.4.2023
COM(2023) 228 final

2023/0115 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 230 final} - {SWD(2023) 225 final} - {SWD(2023) 226 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-emendi proposti għad-Direttiva 2014/49/UE[1] (id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti jew id-DGSD) huma parti mill-pakkett leġiżlattiv dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI) li jinkludi wkoll emendi għad-Direttiva 2014/59/UE[2] (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek jew il-BRRD) u r-Regolament (UE) Nru 806/2014[3] (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jew l-SRMR).

Minkejja li l-qafas tal-UE dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet ilu ferm stabbilit, każijiet preċedenti ta' fallimenti ta' banek urew li hemm bżonn ta' titjib. L-għan tar-riforma tas-CMDI huwa li tibni fuq l-objettivi tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u li tiżgura approċċ aktar konsistenti għar-riżoluzzjoni, sabiex kwalunkwe bank fi kriżi jkun jista' joħroġ mis-suq b'mod ordnat, filwaqt li jiġu ppreżervati l-istabbiltà finanzjarja, flus il-kontribwenti u tiġi żgurata l-kunfidenza tad-depożitanti. B'mod partikolari, il-qafas dwar ir-riżoluzzjoni eżistenti għal banek iżgħar u medji jeħtieġ li jissaħħaħ fir-rigward tat-tfassil, tal-implimentazzjoni u, l-aktar importanti, tal-inċentivi għall-applikazzjoni tiegħu, sabiex ikun jista' jiġi applikat b'mod aktar kredibbli għal dawk il-banek. Barra minn hekk, il-qafas ta' protezzjoni tad-depożitanti għandu jittejjeb sabiex jiġu żgurati applikazzjoni koerenti tar-regoli u kundizzjonijiet aktar ekwivalenti, filwaqt li tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja, tissaħħaħ il-kunfidenza tad-depożitanti u jiġi evitat il-kontaġju.

### Kuntest tal-proposta

Wara l-kriżijiet globali tad-dejn finanzjarju u sovran, l-UE ħadet azzjonijiet deċiżivi, f'konformità mas-sejħiet internazzjonali għar-riforma, sabiex toħloq settur finanzjarju aktar sikur għas-suq uniku tal-UE. Dan kien jinkludi l-provvista tal-għodod u tas-setgħat sabiex jiġi indirizzat il-falliment ta' kwalunkwe bank b'mod ordnat, filwaqt li jiġu ppreżervati l-istabbiltà finanzjarja, il-finanzi pubbliċi u l-protezzjoni tad-depożitanti. L-Unjoni Bankarja nħolqot fl-2014 u bħalissa hija magħmula minn żewġ pilastri: Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). Madankollu, l-Unjoni Bankarja għadha ma hijiex kompluta u hija nieqsa mit-tielet pilastru tagħha: skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-

[1] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149–178).

[2] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

depożiti (EDIS)[4]. Il-proposta tal-Kummissjoni adottata fl-24 ta' Novembru 2015 sabiex tiġi stabbilita l-EDIS[5] għadha pendenti.

L-Unjoni Bankarja hija appoġġata minn Ġabra Unika tar-Regoli li, f'dak li għandu x'jaqsam mas-CMDI, hija magħmula minn tliet atti legali tal-UE adottati fl-2014: il-BRRD, l-SRMR u d-DGSD. Il-BRRD tiddefinixxi s-setgħat, ir-regoli u l-proċeduri għall-irkupru u għar-riżoluzzjoni tal-banek, inklużi arranġamenti ta' kooperazzjoni transfruntierasa biex jiġu indirizzati l-fallimenti bankarji transfruntiera. L-SRMR joħloq il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) u l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) u jiddefinixxi s-setgħat, ir-regoli u l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tal-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni Bankarja, fil-kuntest tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Id-DGSD tiżgura l-protezzjoni tad-depożitanti u tistabbilixxi r-regoli għall-użu tal-fondi tad-DGS. Il-BRRD u d-DGSD japplikaw fl-Istati Membri kollha filwaqt li l-SRMR japplika fl-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja.

Il-pakkett bankarju tal-2019, magħruf ukoll bħala l-"pakkett dwar it-tnaqqis tar-riskju", irreveda l-BRRD, l-SRMR, ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR[6]) u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD[7]). Dawn ir-reviżjonijiet kienu jinkludu miżuri li jwettqu l-impenji tal-UE magħmulin f'fora internazzjonali[8] u ħadu passi ulterjuri għall-milja tal-Unjoni Bankarja billi pprovdew miżuri kredibbli għat-tnaqqis tar-riskju sabiex itaffu t-theddidiet għall-istabbiltà finanzjarja.

F'Novembru 2020, il-Grupp tal-Euro qabel dwar il-ħolqien u l-introduzzjoni bikrija ta' garanzija komuni għall-SRF mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)[9].

**Ir-riforma tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI) u l-implikazzjonijiet usa' għall-Unjoni Bankarja**

Flimkien mar-riforma tas-CMDI, Unjoni Bankarja kompluta, inkluż it-tielet pilastru tagħha, l-EDIS, tkun toffri livell ogħla ta' protezzjoni finanzjarja u ta' kunfidenza lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji tal-UE, iżżid il-fiduċja u ssaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja bħala kundizzjonijiet neċessarji għat-tkabbir, għall-prosperità u għar-reżiljenza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja u fl-UE b'mod aktar ġenerali. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali tikkomplementa l-Unjoni Bankarja peress li ż-żewġ inizjattivi huma essenzjali sabiex tiġi

4 Barra minn hekk, għad ma hemm l-ebda qbil dwar mekkaniżmu kredibbli u robust għall-provvista ta' likwidità f'riżoluzzjoni fl-Unjoni Bankarja, f'konformità mal-istandard stabbilit mill-pari internazzjonali.

5 COM/2015/0586 final.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1–337).

7 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338–436).

8 Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB). Il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (verżjoni aġġornata tal-2014), *Key Attributes of effective resolution regimes for financial institutions* u (2015), *Principles on Loss-absorbing and Recapitalisation Capacity of Globally Systemically Important Banks (G-SIBs) in Resolution, Total Loss-absorbing Capacity (TLAC) Term Sheet*.

9 Il-Grupp tal-Euro (it-30 ta' Novembru 2020), *Statement of the Eurogroup in inclusive format on the ESM reform and the early introduction of the backstop to the Single Resolution Fund*. L-implimentazzjoni se sseħħ bejn l-2022 u l-2024. Madankollu, il-Ftehim li Jemenda t-Trattat li Jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għadu ma ġiex irratifikat.

ffinanzjata t-tranżizzjoni doppja (diġitali u ekoloġika), jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro u jissaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE u l-kompetittività tagħha f'dinja li dejjem tinbidel, b'mod partikolari meta wieħed iqis l-ambjent ekonomiku u ġeopolitiku impenjattiv ta' dawn iż-żminijiet[10][11].

F'Ġunju 2022, il-Grupp tal-Euro ma qabilx dwar pjan ta' ħidma aktar komprensiv sabiex titwettaq l-Unjoni Bankarja billi tiġi inkluża EDIS. Minflok, il-Grupp tal-Euro stieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi aktar immirati għar-riforma tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u għall-assigurazzjoni ta' depożitu nazzjonali[12].

B'mod parallel, il-Parlament Ewropew, fir-rapport annwali tiegħu tal-2021 dwar l-Unjoni Bankarja[13], enfasizza wkoll l-importanza li titwettaq bl-istabbiliment tal-EDIS u appoġġa lill-Kummissjoni fit-tressiq ta' proposta leġiżlattiva dwar ir-rieżami tas-CMDI. Filwaqt li l-EDIS ma ġietx approvata b'mod espliċitu mill-Grupp tal-Euro, din tkun tagħmel ir-riforma tas-CMDI aktar robusta u twassal sinerġiji u titjib fl-effiċjenza għall-industrija. Pakkett leġiżlattiv bħal dan ikun parti mill-aġenda għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, kif enfasizzata fil-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen, li fakkret ukoll l-importanza tal-EDIS, u kif appoġġata regolarment mill-mexxejja[14].

**L-objettivi tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)**

Id-DGSD armonizzat il-mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-depożiti madwar l-UE. Il-protezzjoni tad-depożiti hija kruċjali sabiex tittejjeb il-kunfidenza tad-depożitanti, tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja tas-sistema bankarja u jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq uniku. Għal dak l-għan, f'kull Stat Membru ġiet stabbilita tal-anqas skema waħda ta' garanzija tad-depożiti (DGS) sabiex jiġi żgurat rimborż rapidu tad-depożitanti fil-każ ta' fallimenti ta' banek (żborż) u ġie stabbilit livell armonizzat ta' protezzjoni għal EUR 100 000. B'mod importanti, id-DGSs jaqdu wkoll rwol fil-ġestjoni tal-kriżijiet tal-banek. Jistgħu jikkontribwixxu għal riżoluzzjoni jew għal finanzjament ta' miżuri oħrajn, u b'hekk jippreżervaw l-aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti.

**Raġunijiet għall-proposta**

F'konformità mal-mandat skont l-Artikolu 19(6) tad-DGSD, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni komprensiva ta' kif marret id-DGSD. Il-konklużjoni tagħha kkonfermat li l-komponenti ewlenin tad-DGSD, b'mod partikolari l-livell ta' kopertura standard ta' EUR 100 000 għal kull depożitant għal kull bank, il-livell fil-mira minimu għall-finanzjament tad-DGS, u l-iskedi qosra għall-iżborżi għad-depożitanti, b'mod ġenerali, iġġeneraw benefiċċji pożittivi għad-depożitanti.

Madankollu, l-esperjenza prattika fl-applikazzjoni ta' dan il-qafas uriet li hemm oqsma fejn jista' jsir titjib. Dawn l-oqsma jikkonċernaw l-ambitu tal-protezzjoni tad-depożitanti, l-interpretazzjoni diverġenti tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-fondi tad-DGS għal interventi barra mill-iżborżi ta' depożiti koperti, l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali fil-mod kif jaħdmu d-DGSs, diskrezzjonijiet u għażliet nazzjonali wisgħin u ħtieġa għal koordinazzjoni

10 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Commission Work Programme 2021*, it-taqsima 2.3, p. 5.
11 Il-Kummissjoni Ewropea (2023), *Long-term competitiveness of the EU: looking beyond 2030*.
12 Il-Grupp tal-Euro (is-16 ta' Ġunju 2022), *Eurogroup statement on the future of the Banking Union.*
13 Il-Parlament Ewropew (2022), *L-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2021;* il-Parlament Ewropew ħareġ rapport dwar l-Unjoni Bankarja kull sena mill-2015 'il quddiem.
14 Laqgħa tas-Summit dwar l-euro (l-24 ta' Marzu 2023), *Statement of the Euro Summit, meeting in inclusive format*.

mtejba bejn ix-xbieki ta' sikurezza tar-riżoluzzjoni u tal-assigurazzjoni tad-depożiti.

Bħala parti integrali mir-rieżami leġiżlattiv tas-CMDI tal-Kummissjoni, il-proposta tad-DGSD hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq il-ħidma preparatorja u fuq ir-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) fil-ħames opinjonijiet tagħha[15] dwar l-applikazzjoni tad-DGSD u tqis każijiet li fihom l-applikazzjoni prattika tagħha naqset milli tilħaq xi wħud mill-objettivi importanti tagħha jew laħqithom parzjalment biss.

**Sommarju tal-emendi tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD) bħala parti mir-riforma tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI)**

Il-proposta tad-DGSD tkopri firxa ta' aspetti ta' politika u tikkostitwixxi rispons koerenti għall-problemi identifikati. Għalhekk, għandha l-għan li:

(1) tiċċara l-ambitu tal-protezzjoni tad-depożitanti billi tindirizza d-diskrepanzi identifikati sabiex toffri lid-depożitanti tal-UE livell armonizzat u robust ta' protezzjoni;

(2) tarmonizza t-test tal-anqas kost għat-tipi kollha ta' interventi tad-DGS barra mill-iżborż ta' depożiti koperti f'insolvenza, sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet ekwi u tiġi żgurata l-konsistenza tal-eżiti meta jiġu ġestiti l-fallimenti tal-banek;

(3) ittejjeb il-funzjonament tad-DGSs billi tissimplifika l-proċeduri amministrattivi, filwaqt li ttejjeb it-trasparenza tar-robustezza finanzjarja tagħhom u tal-użu tal-fondi minnhom;

(4) iżżid il-konverġenza fil-prattiki tad-DGSs u fost l-awtoritajiet; u

(5) ittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn id-DGS fir-rimborż lil depożitanti li jinsabu fi Stati Membri oħrajn tal-UE, jew f'każ ta' bidla fl-affiljazzjoni mad-DGSs mill-banek.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tibni fuq u il-qafas eżistenti tal-assigurazzjoni tad-depożiti stabbilit fid-DGSD, u ssaħħu. Għal dak l-għan, ħafna elementi tal-proposta jsegwu l-ħidma mwettqa mill-EBA, f'kooperazzjoni mad-DGSs nazzjonali u mal-awtoritajiet deżinjati. Tipproponi emendi bħala riflessjoni tal-esperjenza prattika miksuba mit-traspożizzjoni nazzjonali tad-dritt tal-UE u mill-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet, inkluż fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja. Il-proposta tinbeda b'mod parallel mar-rieżamijiet tal-BRRD u tal-SRMR sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ġenerali tal-qafas tal-UE dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta tibni fuq ir-riformi mwettqin wara l-kriżi finanzjarja li wasslu għall-ħolqien tal-Unjoni Bankarja u tal-ġabra unika tar-regoli għall-banek kollha tal-UE.

Billi ssaħħaħ il-kunfidenza tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja, il-proposta tikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE u għall-kapaċità tiegħu li jappoġġa l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19, f'konformità mal-objettivi politiċi tal-awtonomija strateġika miftuħa Ewropea. B'mod aktar speċifiku, il-proposta ttejjeb ukoll il-protezzjoni tal-konsumaturi billi tarmonizza l-livell u l-perjodu ta' protezzjoni ta' depożiti speċifiċi fil-livell tal-konsumatur li huma għal terminu qasir u kontinġenti għal avvenimenti

[15] Ara t-taqsima 3 dwar il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert.

speċifiċi tal-ħajja ("bilanċi għoljin temporanji") jew billi ssaħħaħ id-divulgazzjoni tal-informazzjoni għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, sabiex jiġi mmitigat ir-riskju li d-DGS jirrimborżaw lid-depożitanti involuti f'attivitajiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF), l-emendi jibnu fuq ir-reġim tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u jqisu d-direzzjoni proposta fil-pakkett leġiżlattiv tal-Kummissjoni dwar ir-reġim tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT), adottat fl-20 ta' Lulju 2021.

Sabiex tissaħħaħ l-infurzabbiltà tar-regoli tad-DGSD, l-emendi jirreferu għas-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew is-CRD). Dan l-approċċ jistabbilixxi l-kunċett li l-konformità mar-rekwiżiti tad-DGSs hija rekwiżit tal-ewwel ordni għall-banek kollha u jipprovdi raġuni għas-sekwenzjar tal-avvenimenti sabiex jiġi ddixxiplinat bank li jonqos milli jissodisfa dawn l-obbligi.

L-emendi jarmonizzaw u jiċċaraw ukoll ir-regoli applikabbli għal miżuri preventivi u alternattivi ffinanzjati mill-fondi tad-DGSs. Dawn ir-regoli jridu jiġu apprezzati b'rabta mar-rekwiżiti diġà eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istabbilimenti finanzjarji stabbiliti fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-Kummissjoni[16].

L-emendi jżidu wkoll ċarezza għall-protezzjoni tal-fondi tal-klijenti miżmumin minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji f'bank f'konformità mar-rekwiżiti għas-segregazzjoni tal-fondi tal-klijenti kif stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament[17], fid-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi u fid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593[18]. Fid-dawl tal-iżviluppi rapidi fis-servizzi finanzjarji innovattivi, il-kjarifika għandha l-għan li tibni l-fiduċja tal-klijenti f'istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji u fil-kontinwità tal-operat tagħhom jekk iseħħ falliment bankarju.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta temenda direttiva eżistenti, id-DGSD, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni mtejba tal-għodod li diġà huma disponibbli fil-qafas tal-protezzjoni tad-depożiti.

Konsegwentement, il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-istess bħall-bażi ġuridika tal-att leġiżlattiv oriġinali, jiġifieri l-Artikolu 53(1) tat-TFUE dwar id-dritt ta' stabbiliment, bl-istess

---

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-komunikazzjoni dwar il-banek"), Test b'relevanza għaż-ŻEE; ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1–15.

17 Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE); ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35–127.

18 Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593 tas-7 ta' April 2016 li tissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-salvagwardja tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-klijenti, l-obbligi ta' governanza tal-prodotti u r-regoli applikabbli għall-provvediment jew ir-riċeviment ta' tariffi, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju (Test b'relevanza għaż-ŻEE); ĠU L 87, 31.3.2017, p. 500–517.

bażi legali bħad-Direttiva li qiegħda tiġi emendata. Skont il-ġurisprudenza tal-UE[19], meta att leġiżlattiv ikun imfassal sempliċiment bħala suppliment jew rettifika ta' att leġiżlattiv ieħor, mingħajr ma jinbidel l-għan oriġinali tiegħu, il-leġiżlatura tal-UE tkun intitolata bis-sħiħ li tibbaża dan l-att tal-aħħar fuq il-bażi ġuridika tal-ewwel att.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-emendi għad-DGSD jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ir-regoli nazzjonali ma jistgħux jiksbu livell armonizzat ta' protezzjoni tad-depożitanti u sett uniformi ta' regoli dwar il-finanzjament u l-funzjonament tad-DGSs. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni tal-UE sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE u jiġu evitati vantaġġi kompetittivi mhux xierqa fost l-istituzzjonijiet finanzjarji minħabba regoli diverġenti dwar il-protezzjoni tad-depożiti. L-EBA enfasizzat dan ukoll fl-opinjonijiet tagħha dwar ir-rieżami tad-DGSD.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' banek u l-forniment ta' servizzi bankarji, inkluż it-teħid ta' depożiti, jistgħu jitwettqu b'mod transfruntier. In-natura transfruntiera tas-sistemi bankarji tista' toħloq ħafna sfidi għad-DGSs (bidliet fl-affiljazzjoni mad-DGSs ta' bank, iż-żamma ta' rekords tal-klijenti jew il-kooperazzjoni transfruntiera), li joħolqu l-ħtieġa għal intervent tal-UE.

Il-biċċa l-kbira tal-emendi fil-proposta jaġġornaw id-dritt eżistenti tal-UE, u, bħala tali, jikkonċernaw oqsma li fihom l-UE diġà eżerċitat is-setgħat tagħha. Diversi azzjonijiet fil-proposta jintroduċu grad addizzjonali ta' armonizzazzjoni sabiex b'mod konsistenti jintlaħqu l-objettivi definiti mid-DGSD.

- **Proporzjonalità**

L-emendi huma proporzjonati għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-DGSD.

L-emendi jistabbilixxu rekwiżiti komuni sabiex jittejjeb u jiġi armonizzat il-livell ta' protezzjoni tad-depożitanti fi ħdan l-UE. Madankollu, il-proposta ma tirregolax il-mudelli organizzazzjonali, l-istruttura legali jew il-governanza interna tad-DGSs tal-UE. Għalhekk, il-binja stabbilita tal-assigurazzjoni tad-depożiti tal-UE tiddependi, u se tkompli tiddependi, fuq network ta' DGSs nazzjonali, organizzati f'konformità ma' mudelli differenti (DGS pubblika, DGS privata, skemi ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS)) u ma' tipi differenti ta' relazzjonijiet bejn l-awtorità deżinjata tad-DGSs u l-awtorità ta' riżoluzzjoni (taħt l-istess entità umbrella jew f'istituzzjonijiet distinti).

Barra minn hekk, il-proposta tagħti setgħat konsiderevoli lill-awtoritajiet nazzjonali, billi tibda bl-eżekuzzjoni tat-test tal-anqas kost li jiddetermina l-kosteffiċjenza fl-użu tal-fondi tad-DGSs. Il-biċċa l-kbira tas-suġġetti koperti mill-proposta (fuq livell komuni ta' bilanċi għoljin temporanji, il-protezzjoni tal-fondi tal-klijenti, il-protezzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi) huma relatati ma' oqsma li fihom l-Istati Membri tal-UE talbu b'mod espliċitu standard madwar l-UE kollha sabiex jipprovdi aktar ċertezza legali fil-protezzjoni tad-depożitanti. Il-mandati għall-EBA previsti skont il-proposta (permezz ta' linji gwida u standards) huma limitati għall-aktar suġġetti tekniċi tad-DGSD li għalihom hija meħtieġa spjegazzjoni aktar dettaljata tar-rekwiżiti.

[19] Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, il-Polonja vs il-Parlament u l-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, p. 49, p. 69 u l-ġurisprudenza ċċitata.

Il-proposta żżomm ukoll id-dispożizzjonijiet eżistenti li jirrikonoxxu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u jiżguraw applikazzjoni proporzjonata tar-regoli tad-DGSD, eż. permezz tal-għażla tal-għażliet nazzjonali, il-possibbiltà li ċerti Stati Membri japplikaw livell fil-mira aktar baxx jew li l-membri ta' IPS jibbenefikaw minn kontribuzzjonijiet imnaqqsin.

- **Għażla tal-istrument**

Qiegħed jiġi propost li l-miżuri jiġu implimentati billi d-DGSD tiġi emendata permezz ta' direttiva. Il-miżuri proposti jelaboraw jew ikomplu jirreferu għad-dispożizzjonijiet diġà eżistenti inkorporati f'dan l-istrument legali. Peress li l-assigurazzjoni tad-depożiti hija marbuta mill-qrib ma' oqsma mhux armonizzati tad-dritt nazzjonali, bħal-liġi dwar l-insolvenza, it-traspożizzjoni hija neċessarja sabiex id-dispożizzjonijiet proposti jiġu integrati bl-aħjar mod fid-dritt nazzjonali.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-qafas tas-CMDI kien imfassal għall-evitar u għall-ġestjoni tal-fallimenti tal-istituzzjonijiet ta' kwalunkwe daqs jew mudell ta' negozju. Ġie żviluppat bl-objettivi li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, li jiġu protetti d-depożitanti, jiġi mminimizzat l-użu tal-appoġġ mis-settur pubbliku, li jiġi limitat il-periklu morali, u li jittejjeb is-suq intern għas-servizzi finanzjarji. L-evalwazzjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-qafas tas-CMDI  għandu jittejjeb f'ċerti aspetti.

B'mod partikolari, l-evalwazzjoni turi li ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà fil-ġestjoni tal-fallimenti tal-banek għadhom insuffiċjenti. Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet pubbliċi dwar jekk għandhomx jirrikorru għal riżoluzzjoni jew għal insolvenza tista' tvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, ix-xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija mhux dejjem ikunu effettivi u għandhom jippersistu kundizzjonijiet ta' aċċess diverġenti għall-finanzjament fir-riżoluzzjoni u barra r-riżoluzzjoni. Dawn jaffettwaw l-inċentivi u joħolqu opportunitajiet għall-arbitraġġ meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar liema għodda għall-ġestjoni tal-kriżijiet għandha tintuża. Fl-aħħar nett, il-protezzjoni tad-depożitanti għadha mhux uniformi u inkonsistenti madwar l-Istati Membri f'numru ta' oqsma.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet skambji estensivi permezz ta' għodod ta' konsultazzjoni differenti sabiex tilħaq lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti, sabiex tifhem aħjar kif mar il-qafas kif ukoll il-lok possibbli għal titjib.

Fl-2020, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar valutazzjoni tal-impatt tal-bidu kkombinata u pjan direzzjonali bl-għan li tipprovdi analiżi dettaljata tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell tal-UE u l-impatt potenzjali ta' għażliet ta' politika differenti fuq l-ekonomija, fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent.

Fl-2021, il-Kummissjoni nediet żewġ konsultazzjonijiet: konsultazzjoni mmirata u pubblika sabiex tfittex feedback mill-partijiet ikkonċernati dwar kif ġie applikat il-qafas tas-CMDI u fehmiet dwar modifiki possibbli. Il-konsultazzjoni mmirata, li tinkludi 39 mistoqsija teknika ġenerali u speċifika, kienet disponibbli bl-Ingliż biss u miftuħa mis-26 ta' Jannar sal-20 ta' April 2021. Il-konsultazzjoni pubblika kienet tikkonsisti f'10 mistoqsijiet ġenerali, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u damet għaddejja matul il-perjodu ta' rispons mill-25 ta' Frar sal-20 ta' Mejju 2021. Rapport fil-qosor dwar il-feedback għal din il-konsultazzjoni ġie ppubblikat

fis-7 ta' Lulju 2021[20]. Il-konsultazzjonijiet urew li l-biċċa l-kbira tar-rispondenti kienu jqisu li d-depożiti tal-pubbliku, inklużi l-awtoritajiet lokali, għandhom jiġu protetti wkoll mid-DGS. Il-biċċa l-kbira tal-banek u tad-DGSs qiesu li d-divulgazzjoni regolari kurrenti tal-informazzjoni kienet biżżejjed u li ma kien hemm bżonn ta' ebda bidla. Il-komunikazzjoni diġitali spiss tqieset bħala l-aktar mezz xieraq sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ospitat konferenza ta' livell għoli fit-18 ta' Marzu 2021 li fiha laqqgħat rappreżentanti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Il-konferenza kkonfermat l-importanza ta' qafas effettiv iżda enfasizzat ukoll id-dgħufijiet kurrenti. Il-membri tal-panel fil-konferenza nnotaw li l-qafas tad-DGSD jibbenefika minn aktar armonizzazzjoni u minn interazzjoni aħjar mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AMLD), id-Direttiva dwar is-servizzi ta' pagament u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-kunfidenza u l-fiduċja tal-konsumatur għandhom jiġu riflessi fir-rieżami tad-DGSD kif ukoll fis-sitwazzjoni fi swieq iżgħar.

Il-persunal tal-Kummissjoni kkonsulta wkoll ripetutament lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tas-CMDI u dwar ir-reviżjonijiet possibbli tal-BRRD/tal-SRMR u tad-DGSD fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni. B'mod parallel mad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti, il-kwistjonijiet indirizzati f'din il-proposta kienu koperti wkoll f'laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill, jiġifieri l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja u l-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-EDIS.

Barra minn hekk, matul il-fażi preparatorja tal-leġiżlazzjoni, il-persunal tal-Kummissjoni kellu wkoll diversi laqgħat (fiżiċi u virtwali) ma' rappreżentanti tal-industrija bankarja kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

Ir-riżultati tal-inizjattivi kollha msemmijin hawn fuq ikkontribwew għat-tħejjija ta' din il-proposta u tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Ipprovdew evidenza ċara tal-ħtieġa li jiġu aġġornati u kompluti r-regoli kurrenti sabiex jintlaħqu bl-aħjar mod l-objettivi tal-qafas. L-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt jipprovdi s-sommarji ta' dawn il-konsultazzjonijiet u tal-konferenza pubblika.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tappoġġa l-ħidma tagħha dwar ir-rieżami tad-DGSD, il-Kummissjoni ħarġet sejħa komprensiva għal pariri lill-EBA[21]. L-EBA wieġbet billi ssottomettiet ħames opinjonijiet. L-ewwel opinjoni dwar l-eliġibbiltà tad-depożiti, il-livell ta' kopertura u l-kooperazzjoni bejn l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ġiet sottomessa f'Awwissu 2019[22]. It-tieni opinjoni dwar l-iżborżi tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ġiet sottomessa f'Ottubru 2019[23]. It-tielet opinjoni dwar il-finanzjament tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u l-użi tal-fondi tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ġiet sottomessa f'Jannar 2020[24]. Ir-raba' opinjoni dwar it-trattament tal-fondi tal-klijenti ġiet ippreżentata f'Ottubru 2021[25]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset l-opinjoni tal-EBA tal-2020 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-

[20] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Konsultazzjoni dwar l-Unjoni Bankarja – rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u tal-assikurazzjoni tad-depożiti*.

[21] EBA (Ottubru 2021), *Call for advice regarding funding in resolution and insolvency*

[22] EBA (Awwissu 2019), *Opinion of the EBA on the eligibility of deposits, coverage level and cooperation between deposit guarantee schemes*

[23] EBA (Ottubru 2019) *Opinion of the EBA on deposit guarantee scheme payouts*.

[24] EBA (Jannar 2020), *Opinion of the EBA on deposit guarantee scheme funding and uses of deposit guarantee funds.*

[25] EBA (Ottubru 2021), *Opinion of the EBA on the treatment of client funds under the DGSD*.

ħasil tal-flus u d-Direttiva tal-UE dwar l-Iskemi ta' garanzija tad-depożiti[26] u l-opinjoni biennali tal-2021 tal-EBA dwar ir-riskji li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-UE[27].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkuntrattat liċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS) sabiex jipprovdi żewġ rapporti dwar l-assigurazzjoni tad-depożiti, bit-titolu "Harmonising insolvency laws in the Euro area"[28] u "Options and national discretions under the DGSD"[29], li ġew ippubblikati, rispettivament, f'Diċembru 2016 u f'Novembru 2019.

Minbarra li kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ħadet sehem f'diskussjonijiet u fi skambju ta' fehmiet li informaw il-ħidma tat-task force tal-EBA dwar l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u l-Grupp ta' Esperti dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt[30]**

Din il-proposta taqsam il-valutazzjoni tal-impatt (IA) tagħha mal-proposti li jirrieżaminaw il-BRRD u l-SRMR, li jqisu l-feedback li jirċievu l-partijiet ikkonċernati u l-ħtieġa li jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet interkonnessi li jkopru aktar minn tliet testi legali differenti. L-Anness 6 tal-IA jiddeskrivi l-kwistjonijiet dwar il-funzjonament kurrenti tad-DGS, jistabbilixxi x-xenarji possibbli għat-titjib tagħha u jiġġustifika l-għażliet ta' politika miżmumin fl-emendi proposti. Hija tikkonkludi li d-DGSD kien ġeneralment effettiv fit-titjib tal-livell ta' protezzjoni tad-depożitanti madwar l-UE. Madankollu, l-applikazzjoni tas-salvagwardji tad-DGSD għadha ma hijiex uniformi fost id-DGS nazzjonali, u tenfasizza l-ħtieġa għal regoli armonizzati sabiex jiġu indirizzati d-diverġenzi li għandhom impatti negattivi fuq id-depożitanti. Tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi ċċarata l-kopertura għal ċerti tipi ta' depożitanti.

L-għażliet ta' politika kollha jqisu s-suġġerimenti tal-EBA u l-feedback sussegwenti riċevut mill-esperti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni kif ukoll, meta disponibbli, evidenza analitika oħra.

L-IA enfasizzat li l-għażliet ta' politika vvalutati jtejbu l-applikazzjoni tal-assigurazzjoni tad-depożiti madwar l-Istati Membri u jtejbu ċ-ċertezza legali u l-kunfidenza tad-depożitanti. Jadattaw b'mod adegwat il-protezzjoni tad-depożitanti għall-evoluzzjonijiet u għall-vulnerabbiltajiet reċenti tal-ekosistema finanzjarja permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati lejn attivitajiet transfruntiera, lejn servizzi tal-fintech u lejn il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Jiffaċilitaw ukoll l-użu ta' fondi tad-DGSs barra mill-ħlas ta' depożiti koperti permezz ta' test tal-anqas kost rivedut meta tali interventi jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom b'mod aktar kosteffettiv.

Madankollu, billi jiġu inklużi b'mod espliċitu ċerti tipi ta' depożitanti u ta' depożiti fl-ambitu tal-kopertura (awtoritajiet pubbliċi, fondi tal-klijenti) u billi jiġu armonizzati aktar xi regoli

---

26 EBA (Diċembru 2021), *Opinion of the EBA on the interplay between the EU Anti-Money Laundering Directive and the EU Deposit Guarantee Scheme Directive*.

27 EBA (Marzu 2021), *Opinion of the EBA on the risks of money laundering and terrorist financing affecting the EU's financial sector.*

28 CEPS (Diċembru 2016), *Harmonising insolvency laws in the Euro area*. https://www.ceps.eu/ceps-publications/harmonising-insolvency-laws-euro-area-rationale-stocktaking-and-challenges/

29 CEPS (Novembru 2019), *Options and national discretions under the DGSD and their treatment in the context of a European Deposit Insurance Scheme*.

30 Jekk jogħġbok ara r-referenzi għal SWD(2023)226 (skeda fil-qosor tal-IA) u SEC(2023)230 (l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju).

(livell minimu ta' kopertura għal bilanċi għoljin temporanji, it-tneħħija tal-possibbiltà li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet tad-depożitanti li jsiru dovuti mill-ammont ripagabbli), dawn l-emendi jista' jkollhom impatt – għalkemm limitat – fuq il-kostijiet għad-DGSs. Bl-istess mod, il-bidliet fit-test tal-anqas kost għall-użu tad-DGSs għal interventi għajr għall-iżborż jista' jkollhom ukoll impatt finanzjarju fuq d-DGSs. Dawn il-kostijiet jitħallsu mill-industrija bankarja permezz ta' kontribuzzjonijiet lid-DGS u ma jaffettwawx lill-kontribwenti f'konformità mal-prinċipju tal-protezzjoni tal-flus pubbliċi stabbilit fid-DGSD.

L-IA kkonfermat ukoll li l-qafas tad-DGSs tal-UE jkun aktar reżiljenti jekk ikun appoġġat minn EDIS. Il-ġbir flimkien ta' fondi fi skema kondiviża jsaħħaħ il-kapaċità tas-sistema tal-assigurazzjoni tad-depożiti fl-Unjoni Bankarja li tlaħħaq ma' żborżi ta' valur għoli u jtejjeb il-kunfidenza tad-depożitanti. Għalkemm l-għażla politika sabiex tiġi stabbilita EDIS hija teknikament l-aktar għażla robusta, ma hijiex politikament fattibbli f'dan l-istadju.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju approva l-valutazzjoni tal-impatt wara li inizjalment kien ta opinjoni negattiva. Sabiex jiġu indirizzati l-kummenti mqajmin mill-Bord fir-rigward tal-funzjonament tad-DGSs, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet emendata sabiex jiġu ċċarati aħjar ir-rabtiet bejn il-pariri tal-EBA u l-għażliet stabbiliti fl-IA.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta għandha tgħin sabiex jitnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv tad-DGS billi jitneħħew ċerti għażliet u diskrezzjonijiet nazzjonali, jiġi applikat trattament ugwali ta' fergħat f'pajjiżi terzi u jissaħħu l-arranġamenti għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn id-DGSs. Billi jissimplifikaw id-divulgazzjonijiet meħtieġa u jallinjawhom ma' dak li huwa neċessarju għar-riċevituri, l-emendi jtaffu x-xogħol amministrattiv fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-DGSs.

Fir-rigward tal-prontezza diġitali, il-proposta tibni fuq l-avvanzi teknoloġiċi u legali sabiex tiżgura li l-informazzjoni għad-depożitanti tkun faċilment aċċessibbli, u li l-proċess ta' żborż ikun rapidu kemm jista' jkun.

Barra minn hekk, is-setgħat għall-EBA se jippermettu aktar aġġustamenti sabiex itejbu u jarmonizzaw saħansitra aktar l-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet tad-DGSD.

Il-kostijiet għall-banek u għall-awtoritajiet nazzjonali jkunu limitati ħafna. Kull titjib fil-protezzjoni tad-depożitanti previst skont il-proposta tad-DGSD (bilanċi għoljin temporanji, fondi tal-klijenti, awtoritajiet pubbliċi) huwa mistenni li jkollu impatt marġinali ħafna fuq il-fondi tad-DGSs. Pereżempju, fi 13-il Stat Membru, l-ammont ta' fondi tal-klijenti jikkostitwixxi anqas minn 1 % tad-depożiti koperti kollha f'dak l-Istat Membru. Għalhekk, il-proposta tippreserva l-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE filwaqt li tagħti spinta lill-protezzjoni offruta lid-depożitanti tal-UE. Barra minn hekk, il-kostijiet addizzjonali potenzjali – għalkemm limitati – li jirriżultaw minn dan it-titjib ikunu fil-biċċa l-kbira paċuti mill-kostijiet imnaqqsin għad-DGSs meta jwettqu l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom skont id-Direttiva rieżaminata. Fil-fatt, bit-tnaqqis tan-numru ta' għażliet, is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi fis-seħħ għall-kooperazzjoni transfruntiera u l-istabbiliment fil-livell tal-UE ta' metodoloġija komuni għat-tlestija tat-test tal-anqas kost, il-proposta tillibera riżorsi amministrattivi tad-DGSs.

Minħabba rwol akbar tad-DGSs fil-ġestjoni tal-kriżijiet, l-użu tal-mezzi finanzjarji tagħhom, li jinġabru mis-settur bankarju, jista' jirrikjedi rikambju aktar frekwenti tal-fondi tagħhom. Madankollu, f'konformità mat-test tal-anqas kost, dawn il-miżuri huma permessi biss jekk

jitqiesu li jiswew anqas għad-DGS minn xenarju ta' żborż. Dan l-approċċ jissalvagwardja r-riżorsi finanzjarji tagħha fit-tul.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16), id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17) u l-protezzjoni tal-konsumatur (l-Artikolu 38).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE. Il-proposta tkun tirrikjedi li l-EBA tiżviluppa seba' standards tekniċi u sitt linji gwida minbarra dawk diġà preżenti fid-DGSD. Fost dawn is-sitt struzzjonijiet ġodda għal-linji gwida, tlieta għandhom l-għan biss li jikkodifikaw f'test tal-ewwel livell linji gwida diġà eżistenti (stress test, delineazzjoni u rapportar tal-mezzi finanzjarji disponibbli, ftehimiet ta' kooperazzjoni), li ġew stabbiliti fuq l-inizjattiva proprja tal-EBA. Għalhekk, dawn il-linji gwida ma jkunux jeħtieġu piż addizzjonali sinifikanti ta' xogħol. Is-setgħat l-oħrajn previsti skont il-proposta huma relatati ma' diversi suġġetti, li jkopru kemm mandati mmirati ħafna (il-prinċipju tad-diversifikazzjoni f'assi b'riskju baxx) kif ukoll suġġetti usa' (id-definizzjoni tal-anqas kost).

Fid-dawl tal-ħidma tal-passat u ta' dik kurrenti tal-EBA dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet, huwa meqjus li l-kompiti proposti għall-EBA ma humiex se jirrikjedu karigi addizzjonali u jistgħu jitwettqu bir-riżorsi kurrenti.

L-istandards tekniċi għandhom jiġu ppreżentati 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Din l-iskadenza għandha tipprovdi biżżejjed żmien għall-EBA sabiex tiżviluppahom fid-dawl tar-riżorsi kurrenti tagħha.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Permezz ta' interazzjonijiet regolari mat-Task Force tal-EBA dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, il-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali[31] u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-depożitanti madwar l-UE.

Kif diġà stabbilit fid-DGSD eżistenti, l-awtoritajiet nazzjonali se jżommu r-rapportar lill-EBA dwar l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli, arranġamenti ta' finanzjament alternattivi u l-użu tal-fondi tad-DGSs, li l-EBA min-naħa tagħha għandha tiddivulga. Il-proposta żżomm ukoll ir-rieżamijiet perjodiċi u ta' segwitu diġà previsti fid-Direttiva oriġinali, għall-istress test tad-DGSs, il-kriterji għall-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju u l-eżami mill-ġdid tal-livell ta' kopertura.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti jibnu fuq u jiċċaraw il-mandat tad-DGSs sabiex jipproteġu aħjar id-depożiti fil-kuntest tar-rimborż tad-depożitanti. Huma jsaħħu wkoll ir-rwol tad-DGS barra minn sitwazzjonijiet li fihom id-depożitanti jitħallsu lura mid-DGS wara l-falliment ta' bank

[31] Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jittrasponu din id-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali tagħhom fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta.

għall-fini tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji bl-għan li jinżammu l-kunfidenza tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja. Fl-aħħar nett huma jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi sabiex jissimplifikaw l-attivitajiet ta' kuljum tad-DGS u jittrattaw sitwazzjonijiet kumplessi mil-lat amministrattiv.

Il-proposta temenda d-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-DGSD:

Meta jitqiesu l-possibbiltajiet imtejbin għall-użu tad-DGS għall-finanzjament ta' miżuri preventivi, ta' strateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni u ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, l-Artikolu 1 ("Suġġett u ambitu") huwa emendat sabiex jiċċara li flimkien mal-istabbiliment u mal-funzjonament tad-DGS, mal-kopertura u mar-ripagament tad-depożiti, u mal-użu ta' fondi tad-DGSs għal miżuri sabiex jinżamm l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-paragrafu 2, il-punt (d) ta' dan l-artikolu huwa emendat sabiex jiċċara li l-fergħat ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbiliti f'pajjiżi terzi huma koperti mid-Direttiva.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi t-termini u d-definizzjonijiet li jintużaw għall-fini ta' din id-Direttiva. Huwa emendat sabiex jintroduċi definizzjonijiet, b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti fil-proposta wara r-rakkomandazzjonijiet tal-EBA fl-opinjonijiet tagħha, b'mod partikolari dwar id-depożiti ta' fondi tal-klijenti u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament t-terroriżmu.

Il-paragrafu 8 tal-Artikolu 4 huwa konsolidat fl-Artikolu 16a l-ġdid dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-DGS u r-rapportar mill-awtoritajiet (ara aktar 'il quddiem).

Fl-opinjoni tagħha, l-EBA indikat l-implimentazzjoni diverġenti tad-definizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi. Dan wassal għal ambitu differenti tal-protezzjoni tad-depożiti madwar l-Istati Membri, li f'xi każijiet kienu jeskludu mill-protezzjoni entitajiet pubbliċi bħal skejjel, sptarijiet jew servizzi muniċipali, li ma humiex depożitanti sofistikati. Id-differenzjazzjoni eżistenti bejn l-awtoritajiet pubbliċi fuq il-bażi tal-baġit tagħhom u ta' karatteristiċi oħrajn toħloq diffikultajiet operazzjonali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-DGSs. Għalhekk, fl-Artikolu 5, l-awtoritajiet pubbliċi ma għadhomx esklużi mill-ambitu tal-protezzjoni tad-depożitanti bl-objettiv ta' armonizzazzjoni u ta' titjib tal-protezzjoni tagħhom. L-artikolu jiċċara wkoll li d-depożiti relatati mal-finanzjament tat-terroriżmu huma esklużi mill-protezzjoni tad-DGSs.

L-Artikolu 6, li jirregola l-livell ta' kopertura tal-protezzjoni tad-depożitanti, huwa emendat sabiex jarmonizza l-livell minimu ta' protezzjoni għal bilanċi għoljin temporanji, il-perjodu ta' protezzjoni relatat u sabiex jiċċara l-ambitu tad-depożiti protetti miżmumin fid-dawl tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli.

Meta jitqiesu l-interpretazzjonijiet diverġenti tal-għażla eżistenti relatati mat-tnaqqis mill-ammont ripagabbli ta' obbligazzjonijiet ta' depożitanti li jkunu skadew, il-paragrafu 5 tal-Artikolu 7 jitħassar sabiex jiġu armonizzati r-regoli għall-kalkolu tal-ammont ripagabbli. Il-paragrafu 7 huwa emendat sabiex iqis sitwazzjonijiet li fihom ir-rata tal-imgħax tkun negattiva.

Ġie introdott Artikolu 7a ġdid dwar l-oneru tal-provi sabiex jiċċara l-aspett proċedurali tal-eliġibbiltà jew tal-intitolament għad-depożiti, li jħalli l-oneru tal-provi fuq id-depożitanti u fuq id-detenturi ta' kontijiet li juru li jkunu assolutament intitolati għad-depożiti f'kontijiet benefiċjarji jew f'kontijiet b'bilanċi għoljin temporanji.

Sabiex jingħata aktar żmien sabiex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà għar-ripagament u f'konformità mad-dispożizzjoni dwar l-oneru tal-provi stabbilita fl-Artikolu 7a, l-Artikolu 8 huwa emendat sabiex jippermetti lid-DGS japplikaw perjodu itwal ta' mhux aktar minn 20 jum tax-xogħol fil-każ ta' ripagament ta' kontijiet tal-benefiċjarji, ta' fondi tal-klijenti, u ta' bilanċi għoljin temporanji. Id-data limitu tibda tgħodd mid-data li fiha DGS tkun irċiviet id-dokumentazzjoni sħiħa li tippermetti l-eżami tal-pretensjonijiet u l-verifika tal-kundizzjonijiet għar-ripagament. L-artikolu emendat jippermetti wkoll lid-DGS tistabbilixxi livell limitu għar-ripagament ta' kontijiet inattivi.

Jiddaħħal Artikolu 8a ġdid sabiex jiżgura li d-depożitanti, li jaqbżu livell limitu ta' EUR 10 000, jiġu rrimborżati permezz ta' trasferimenti ta' kreditu f'konformità mal-objettivi tal-AML/CFT.

L-istituzzjonijiet finanzjarji bħad-ditti tal-investiment, l-istituzzjonijiet tal-pagamenti jew tal-flus elettroniċi jiġbru fondi mill-klijenti tagħhom u huma meħtieġa mir-regoli settorjali sabiex jissalvagwardjaw dawk il-fondi, inkluż fost l-oħrajn billi jpoġġuhom f'kontijiet segregati ma' istituzzjonijiet ta' kreditu. Artikolu 8b ġdid jistabbilixxi regoli sabiex jiġi armonizzat l-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti għal tali fondi ddepożitati f'isem u għan-nom tal-klijenti tagħhom, għall-finijiet tas-segregazzjoni. L-artikolu jagħti wkoll dettalji dwar il-modalitajiet għar-ripagament tad-detentur ta' kont jew tal-klijent u jagħti mandat lill-EBA sabiex tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-identifikazzjoni tal-klijenti f'każijiet bħal dawn.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu[32] tirrikjedi li s-superviżuri finanzjarji jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew mal-awtoritajiet deżinjati u jinformaw lil dawk l-awtoritajiet bl-eżitu tal-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent. Huwa introdott Artikolu 8c ġdid tad-DGSD sabiex jiġi evitat ir-ripagament ta' depożiti meta l-eżitu tad-diliġenza dovuta tal-klijent tiżvela li jkun hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll sabiex jiġi żgurat skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-awtorità deżinjata u d-DGS f'dawn il-każijiet. Din id-dispożizzjoni l-ġdida tistabbilixxi wkoll arranġamenti ta' żamma fuq ir-ripagamenti tad-DGSs għall-iżborżi ta' depożiti koperti li jinvolvu tħassib dwar il-ħasil tal-flus / il-finanzjament tat-terroriżmu.

L-Artikolu 9 tad-DGSD jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' riżoluzzjoni, id-DGS għandu jkollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta' kreditu rilevanti għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha. Jrnħtieġ li dik il-pretensjoni tikklassifika *pari passu* mad-depożiti koperti. Din id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni tad-DGSs għal riżoluzzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna ta' bank miftuħ (meta l-entità tal-bank tiġi ppreservata u tkompli bl-operat tagħha) u l-kontribuzzjonijiet tad-DGSs għall-finanzjament ta' strateġija ta' trasferiment (għodda ta' bejgħ ta' negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u likwidazzjoni tal-entità residwa). In-nuqqas ta' tali distinzjoni jista' joħloq inċertezza fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta' pretensjoni ta' DGS f'xenarji differenti. Għalhekk, l-Artikolu 9 huwa emendat sabiex jispeċifika li, meta l-fondi ta' DGS jintużaw fil-kuntest ta' strateġiji ta' trasferiment f'miżuri ta' riżoluzzjoni jew alternattivi fi proċedimenti ta' insolvenza, id-DGS għandu jkollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa fil-proċedimenti ta' stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li l-fondi tad-DGSs jintużaw

[32] Il-Kummissjoni Ewropea, (Lulju 2021), *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu COM(2021) 420 final*.

b'rabta ma' telf li kieku kien jiġġarrab mid-depożitanti. Din il-pretensjoni għandha tiġi kklassifikata fl-istess livell bħad-depożiti skont ir-regoli nazzjonali dwar l-insolvenza sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-kredituri li jibqgħu fl-istituzzjoni jew fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf tal-istituzzjoni u sabiex tittejjeb il-possibbiltà ta' rkupru tad-DGSs f'insolvenza. Għall-kuntrarju, kontribuzzjoni tad-DGS għal riżoluzzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna ta' bank miftuħ minflok depożiti koperti għall-ammont li bih id-depożiti koperti kienu jiġu sottoskritti jew konvertiti, li kieku kienu soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna, ma għandhiex tiġġenera pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, peress li tkun telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-DGS.

L-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa emendat sabiex jarmonizza għal ħames snin il-perjodu li matulu d-depożitanti jistgħu jagħmlu pretensjoni kontra d-DGS.

L-Artikolu 10 huwa emendat sabiex jispeċifika l-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-livell fil-mira u l-fatt li l-flus ikkontribwiti direttament lid-DGS jew li ġew irkuprati mid-DGS biss ikunu eliġibbli sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira. Din il-kjarifika hija allinjata mar-regoli kurrenti applikabbli fid-dawl tal-linji gwida tal-EBA. L-objettiv huwa li jiġi ċċarat li l-flus miġburin permezz tas-self ma humiex eliġibbli sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira.

Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 10 jitħassar billi l-għażla li jiġu ġġenerati l-mezzi finanzjarji disponibbli permezz tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji mħallsin mill-istituzzjonijiet membri għal skemi eżistenti ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji stabbiliti minn Stat Membru ma ntużatx fil-prattika.

F'konformità mal-opinjonijiet tal-EBA, sabiex tittejjeb il-konverġenza tal-prattiki u jiġi żgurat li l-fondi jkunu disponibbli sabiex tintlaħaq l-iskadenza għar-rimborż tad-depożitanti, jiżdied paragrafu 11 ġdid mal-Artikolu 10, li jagħti flessibbiltà lid-DGSs sabiex jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi ffinanzjati permezz ta' sorsi privati qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli u l-fondi miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Barra minn hekk, flessibbiltà bħal din tippermetti lid-DGSs jevitaw li jkollhom jiġġeneraw minnufih kontribuzzjonijiet straordinarji, meta l-ġenerazzjoni ta' kontribuzzjonijiet bħal dawn tipperikola l-istabbiltà finanzjarja (eż. fi kriżi sistemika). Hija meħtieġa wkoll flessibbiltà sħiħa sabiex d-DGSs ikunu jistgħu jużaw il-fondi tagħhom bl-aktar mod effiċjenti u jevitaw bejgħ bl-għaġla tal-assi tagħhom (mezzi finanzjarji disponibbli) fil-punt ta' kriżi. Fl-istess ħin, id-dispożizzjoni tiżgura li l-finanzjament minn sorsi pubbliċi jkun jista' jintuża biss bħala l-aħħar għażla.

Barra minn hekk, il-paragrafu l-ġdid fl-Artikolu 10 jiċċara r-rekwiżiti sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni tajba tal-fondi tad-DGSs u jagħti mandat lill-EBA sabiex tiżviluppa linji gwida dwar id-diversifikazzjoni tal-istrateġija ta' investiment tad-DGSs. Jipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-fondi tad-DGSs jitqiegħdu f'kont segregat fil-bank ċentrali nazzjonali jew fit-Teżor nazzjonali. Barra minn hekk, jagħti mandat lill-EBA sabiex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar id-delineazzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli għad-DGSs.

L-Artikolu 11 huwa emendat sabiex jiċċara d-distinzjoni bejn miżuri preventivi u alternattivi. Il-miżuri ta' prevenzjoni huma interventi tad-DGSs li jappoġġaw finanzjarjament bank f'diffikultà, pereżempju fil-forma ta' garanziji, ta' injezzjonijiet ta' flus, ta' parteċipazzjoni fil-ġenerazzjoni ta' kapital, qabel ma l-bank jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-falliment jew għall-probabbiltà ta' falliment bl-objettiv li tiġi ppreservata s-solidità finanzjarja tiegħu. Miżuri alternattivi huma interventi tad-DGSs li jappoġġaw it-trasferiment ta' depożiti u ta' assi tal-bank inadempjenti lil bank ieħor (eż., fil-forma ta' kontribuzzjoni fi flus sabiex

titneħħa d-diskrepanza bejn l-assi u d-depożiti, il-garanziji) fil-kuntest ta' insolvenza sabiex jiġi ppreservat l-aċċess tad-depożitanti għall-flus tagħhom.

L-Artikolu 11a jistabbilixxi sett ta' salvagwardji għall-miżuri preventivi u jalloka r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet għall-valutazzjoni ta' kif jiġu applikati miżuri preventivi. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-użu ta' dawn il-miżuri jkun f'waqtu, kosteffettiv u applikat b'mod konsistenti madwar l-Istati Membri, bħala titjib għas-sitwazzjoni kurrenti.

L-Artikolu 11b jipprevedi l-kundizzjonijiet sottostanti għan-nota b'miżuri li istituzzjoni ta' kreditu timpenja ruħha li tieħu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali. Tali nota ta' miżuri għandha tiġi kkonsultata mal-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 11c jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma kinux konformi mal-impenji tagħhom jew jonqsu milli jħallsu lura l-appoġġ finanzjarju mogħti b'miżuri preventivi. L-EBA għandha l-mandat li tiżviluppa linji gwida dwar il-kontenut tan-nota b'miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni effiċjenti ta' miżura preventiva u tal-pjan ta' rimedju.

Meta jużaw il-fondi tad-DGSs għall-finijiet ta' miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), l-Artikolu 11d jipprevedi l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet tal-bank. Dan il-proċess għandu jiġi armonizzat sabiex jiġu limitati l-impatti negattivi fuq il-kompetizzjoni u sabiex jiġi ffaċilitat l-attrazzjoni ta' xerrejja potenzjali. Dan għandu jiżgura wkoll konsistenza mal-għodod ta' trasferiment skont il-BRRD. F'konformità mal-BRRD, il-proċeduri sabiex l-entità residwa tiġi stralċata b'mod ordnat għandhom jinbdew mingħajr dewmien.

Test tal-anqas kost iqabbel il-kost ta' intervent tad-DGS sabiex jiġi evitat id-deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' bank jew il-kost tad-DGS għat-trasferiment tan-negozju lil bank ieħor mal-kost ta' xenarju ipotetiku ta' żborż ta' depożiti koperti f'likwidazzjoni. Dan ir-rekwiżit ġie implimentat b'mod differenti madwar l-Istati Membri. L-Artikolu 11e l-ġdid jiċċara u jarmonizza l-approċċ għat-twettiq tat-test tal-anqas kost, li jiddetermina l-ammont massimu li DGS tista' tikkontribwixxi barra mill-iżborż, għall-finanzjament ta' miżuri preventivi, ta' riżoluzzjoni u alternattivi. Żborż ta' depożiti koperti f'insolvenza jista' jiġġenera kostijiet diretti u indiretti għad-DGS u għall-membri tagħha. Il-kostijiet diretti jikkorrispondu għall-ammont żborżat mid-DGS għall-ħlas iżborż niqsin l-irkupri mill-proċedimenti ta' likwidazzjoni. Il-kostijiet indiretti għandhom iqisu r-rikostituzzjoni tal-fondi minfuqin mid-DGS u l-kostijiet addizzjonali ta' finanzjament għad-DGS marbutin mal-iżborż. Meta jitwettaq it-test tal-anqas kost għall-fini ta' miżuri preventivi, l-importanza ta' tali miżuri għall-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS għandha tiġi kkunsidrata wkoll fil-kalkolu tal-kontrofattwali tal-iżborż. Il-kost tal-interventi barra mill-pagament għandu jqis il-qligħ mistenni, l-ispejjeż operatorji u t-telf potenzjali relatat mal-intervent. L-EBA għandha l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tat-test tal-anqas kost.

L-Artikolu 14 huwa emendat sabiex jiċċara li l-protezzjoni mid-DGSs tkopri wkoll depożitanti li jinsabu fi Stati Membri fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu membri tagħhom jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi. Jistabbilixxi l-kundizzjonijiet sabiex DGS fi Stat Membru domiċiljari tingħata l-possibbiltà li tħallas lura direttament lid-depożitanti tal-fergħat stabbiliti fi Stat Membru ieħor u sabiex DGS fi Stat Membru ospitanti tkun tista' topera bħala punt ta' kuntatt għad-depożitanti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi. L-EBA għandha l-mandat li tiżviluppa linji gwida dwar ir-rwoli rispettivi

tad-DGSs domiċiljari u ospitanti u dwar iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li fihom DGS fi Stat Membru domiċiljari għandha tiddeċiedi li tirrimborża lid-depożitanti ta' fergħat li jinsabu fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, huwa jispeċifika r-regoli applikabbli għall-kalkolu tal-fondi li għandhom jiġu ttrasferiti meta istituzzjoni membru tbiddel l-affiljazzjoni tad-DGS tagħha minn Stat Membru għal ieħor.

L-Artikolu 15 huwa emendat sabiex jirrikjedi li l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'pajjiżi terzi jingħaqdu ma' DGS fi Stat Membru jekk ikunu jridu jipprovdu servizzi bankarji u jieħdu depożiti eliġibbli fl-UE. Skont l-opinjoni tal-EBA, il-maġġoranza l-kbira tal-fergħat ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri tal-UE diġà huma membri ta' DGS tal-UE, jew minħabba li r-reġim ta' protezzjoni tad-depożitanti ta' pajjiżi terzi jitqies bħala mhux ekwivalenti jew ma tkun saret l-ebda valutazzjoni formali tal-ekwivalenza. Uħud mill-fergħat li jifdal ma kinux meħtieġa jissieħbu ma' DGS rispettiva tal-UE minkejja li r-riżultati tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza li juru li l-protezzjoni tad-depożitanti tagħhom ma kinitx ekwivalenti. F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EBA, din l-emenda tinkludi dan ir-rekwiżit ta' sħubija u tiżgura protezzjoni ugwali għad-depożitanti fil-fergħat tal-UE ta' banek ta' pajjiżi terzi u fil-banek tal-UE u fil-fergħat tagħhom fi Stati Membri differenti. Dan itejjeb il-protezzjoni tad-depożitanti peress li jelimina r-riskju li jkollhom depożiti fl-UE li l-protezzjoni tagħhom minn DGS mhux tal-UE ma tkunx konformi mal-istandards tal-UE (skont l-opinjoni tal-EBA, fost l-74 fergħa mhux taż-ŻEE fl-UE, 5 ma kinux membri ta' DGS tal-UE). Ir-rekwiżit li l-fergħat tal-UE ta' banek ta' pajjiżi terzi jissieħbu ma' DGS tal-UE huwa wkoll konformi ma' wieħed mill-objettivi ewlenin ta' dan ir-rieżami sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-fondi tad-DGS fir-riżoluzzjoni.

Sabiex jiġi evitat li l-fondi tad-DGS jkunu skoperti għal riskji ekonomiċi u finanzjarji f'pajjiżi terzi, l-Artikolu 15a l-ġdid jippermetti kopertura mid-DGSs ta' depożitanti li jappartjenu għal fergħat ta' istituzzjonijiet membri li jinsabu f'pajjiżi terzi biss jekk il-fondi miġburin ikunu ogħla mil-livell minimu fil-mira.

L-Artikolu 16 huwa emendat sabiex tiġi armonizzata l-informazzjoni li l-banek iridu jipprovdu lill-klijenti tagħhom kull sena dwar il-protezzjoni tad-depożiti tagħhom. Itejjeb ukoll ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għad-depożitanti f'każ ta' fużjonijiet jew ta' riorganizzazzjonijiet importanti oħrajn tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' bidliet fl-affiljazzjoni tad-DGS u ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' depożiti minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja kritika tal-banek. L-Istati Membri għandhom is-setgħa li jivverifikaw l-adegwatezza tal-informazzjoni pprovduta lid-depożitanti u l-EBA għandha s-setgħa li tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji għall-format u għall-kontenut tal-iskeda ta' informazzjoni u għall-proċeduri u għall-informazzjoni għad-depożitanti, b'referenza wkoll għad-depożiti ta' fondi tal-klijenti u għal sitwazzjonijiet ta' finanzjament tat-terroriżmu/ħasil tal-flus.

Ġie introdott Artikolu 16a ġdid sabiex jiċċara r-regoli dwar ir-rapportar u jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu lid-DGSs u mid-DGSs u mill-awtoritajiet deżinjati lill-EBA. Huwa importanti li d-DGS tirċievi mingħand l-istituzzjonijiet affiljati tagħha fi kwalunkwe ħin u fuq talba informazzjoni dwar id-depożiti li hija tassigura. Dan huwa neċessarju sabiex id-DGS topera kif mitlub minn din id-Direttiva b'mod effettiv. Dawn l-obbligi ta' rapportar huma derivati minn obbligi eżistenti mill-banek sabiex jiżguraw identifikazzjoni immedjata ta' depożiti jew isegwu mill-espansjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti u, għalhekk, ma jmorrux kontra l-objettiv ġenerali tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Barra minn hekk, huwa importanti li l-EBA tkun informata kif xieraq dwar sitwazzjonijiet li jseħħu u li għalihom id-DGS tista' tintervjeni f'konformità ma' din id-Direttiva, sabiex tappoġġa lill-EBA fil-kompiti tagħha li tissorvelja l-

integrità finanzjarja, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-sistema bankarja Ewropea. L-EBA se tingħata s-setgħa li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-mudell, il-proċeduri u l-kontenut ta' din l-informazzjoni.

L-Istati Membri jridu jittrasponu dawn l-emendi fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja. Ir-regoli l-ġodda rigward l-applikazzjoni ta' salvagwardji dwar l-użu ta' miżuri preventivi mid-DGSs skont l-Artikolu 11a jeħtieġu bidliet organizzazzjonali u akkumulu gradwali ta' kapaċitajiet operazzjonali mid-DGSs u mill-awtoritajiet deżinjati li jiġġustifikaw perjodu ta' implimentazzjoni itwal. Filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-IPSs li huma rikonoxxuti bħala DGS, dan il-perjodu ta' implimentazzjoni jista' jiġi estiż aktar.

2023/0115 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[33],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[34],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[35],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 19(5) u (6) tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], il-Kummissjoni rrieżaminat l-applikazzjoni u l-ambitu ta' dik id-Direttiva u kkonkludiet li l-objettiv tal-protezzjoni tad-depożitanti fl-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs) fil-biċċa l-kbira ntlaħaq. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li hemm bżonn li jiġu indirizzati l-lakuni li fadal fil-protezzjoni tad-depożitanti u li jittejjeb il-funzjonament tad-DGSs, filwaqt li jiġu armonizzati r-regoli għall-interventi tad-DGSs minbarra l-proċedimenti ta' żborż.

(2) In-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jitħallsu kontribuzzjonijiet lid-DGSs jew li tiġi pprovduta informazzjoni lid-depożitanti u lid-DGSs jista' jimmina l-objettiv tal-protezzjoni tad-depożitanti. Id-DGSs, jew meta rilevanti, l-awtoritajiet deżinjati, jistgħu japplikaw sanzjonijiet pekunarji għall-ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet. Huwa importanti li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn id-DGSs, l-awtoritajiet deżinjati u kompetenti sabiex jieħdu azzjonijiet ta' infurzar kontra istituzzjoni ta' kreditu li ma tikkonformax mal-obbligi tagħha. Għalkemm l-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji u ta' infurzar mill-awtoritajiet kompetenti kontra l-istituzzjonijiet ta' kreditu hija

[33] ĠU C , , p. .
[34] ĠU C , , p. .
[35] ĠU C , , p. .
[36] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

rregolata bil-liġijiet nazzjonali u bid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37], huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-awtoritajiet deżinjati jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin dwar kwalunkwe ksur tal-obbligi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-depożiti.

(3) Sabiex tappoġġa aktar konverġenza tal-prattiki tad-DGSs u tgħin lid-DGSs fl-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom, jenħtieġ li l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) toħroġ linji gwida dwar it-twettiq ta' stress tests tas-sistemi tad-DGSs.

(4) Skont l-Artikolu 5(1), il-punt (d), tad-Direttiva 2014/49/UE, depożiti ta' ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi ditti tal-investiment, huma esklużi mill-kopertura mid-DGS. Madankollu, il-fondi li dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jirċievu mill-klijenti tagħhom u li huma jiddepożitaw f'istituzzjoni ta' kreditu f'isem il-klijenti tagħhom, fl-eżerċizzju tas-servizzi li joffru, jenħtieġ li jiġu protetti soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.

(5) Il-firxa ta' depożitanti li bħalissa huma protetti permezz ta' ripagament minn DGS hija motivata mix-xewqa li jiġu protetti investituri mhux professjonali, filwaqt li investituri professjonali jitqiesu li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-awtoritajiet pubbliċi ġew esklużi mill-kopertura. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi (li f'xi Stati Membri jinkludu skejjel u sptarijiet) ma jistgħux jitqiesu bħala investituri professjonali. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-depożiti tal-investituri mhux professjonali kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta minn DGS.

(6) Id-depożiti li jirriżultaw minn ċerti avvenimenti, inklużi tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli relatati ma' proprjetajiet residenzjali privati jew il-ħlas ta' ċerti benefiċċji tal-assigurazzjoni, jistgħu temporanjament iwasslu għal depożiti kbar. Għal dik ir-raġuni, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2014/49/UE bħalissa jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li d-depożiti li jirriżultaw minn dawk l-avvenimenti jkunu protetti f'livelli ogħla minn EUR 100 000 għal tal-anqas 3 xhur, iżda għal mhux aktar minn 12-il xahar mill-mument li fih l-ammont jiġi kkreditat jew mill-mument li fih tali depożiti jsiru legalment trasferibbli. Sabiex tiġi armonizzata l-protezzjoni tad-depożitanti fl-Unjoni u sabiex jitnaqqsu l-kumplessità amministrattiva u l-inċertezza legali relatati mal-ambitu tal-protezzjoni ta' depożiti bħal dawn, huwa neċessarju li l-protezzjoni tagħhom tiġi allinjata ma' tal-anqas EUR 500 000 għal durata armonizzata ta' 6 xhur, minbarra l-livell ta' kopertura ta' EUR 100 000.

(7) Matul tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli, il-fondi jistgħu jgħaddu minn kontijiet differenti qabel is-saldu attwali tat-tranżazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġu protetti d-depożitanti li jgħaddu minn tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli b'mod omoġenu, jenħtieġ li l-protezzjoni ta' bilanċi temporanji għoljin tapplika għar-rikavat ta' bejgħ kif ukoll għall-fondi ddepożitati għax-xiri ta' proprjetà residenzjali privata fit-terminu qasir.

(8) Sabiex jiġi żgurat l-iżborż f'waqtu tal-ammont li għandu jitħallas lura minn DGS, u sabiex jiġu ssimplifikati r-regoli amministrattivi u ta' kalkolu, jenħtieġ li titneħħa d-diskrezzjoni li jitqiesu l-obbligazzjonijiet dovuti meta jiġi kkalkolat l-ammont ripagabbli.

[37] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(9) Huwa neċessarju li jiġu ottimizzati l-kapaċitajiet operazzjonali tad-DGSs u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi stabbilit li fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-depożitanti li huma intitolati għal depożiti f'kontijiet benefiċjarji jew tal-valutazzjoni ta' jekk id-depożitanti jkunux eliġibbli għal salvagwardji ta' bilanċi għoljin temporanji, tibqa' r-responsabbiltà tad-depożitanti u tad-detenturi ta' kontijiet li juru, bil-mezzi tagħhom stess, l-intitolament tagħhom.

(10) Ċerti depożiti jistgħu jkunu soġġetti għal perjodu ta' ripagament itwal minħabba li jeħtieġu li d-DGSs jivverifikaw il-pretensjoni għal ripagament. Sabiex jiġu armonizzati r-regoli madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-perjodu għar-ripagament ikun limitat għal 20 jum ta' xogħol wara l-wasla tad-dokumentazzjoni rilevanti.

(11) Il-kost amministrattiv relatat mar-ripagament ta' ammonti żgħar fuq kontijiet inattivi jista' jkun akbar mill-benefiċċji għad-depożitant. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li jenħtieġ li d-DGSs ma jkunux obbligati jieħdu passi attivi sabiex iħallsu lura d-depożiti miżmumin f'kontijiet bħal dawn taħt ċerti livelli limitu li jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali. Madankollu, id-dritt tad-depożitanti li jitolbu ammont bħal dan jenħtieġ li jiġi ppreservat. Barra minn hekk, meta l-istess depożitant ikollu wkoll kontijiet attivi oħrajn, jenħtieġ li d-DGSs jinkludu dak l-ammont fil-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi rrimborżat.

(12) Id-DGSs għandhom metodi differenti sabiex iħallsu lura lid-depożitanti, li jvarjaw minn żborżi fi flus għal trasferimenti elettroniċi. Madankollu, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-proċess ta' ripagament mid-DGSs u sabiex jibqgħu konformi mal-objettivi tal-qafas tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, ir-rimborżi tad-depożitanti permezz ta' trasferimenti ta' kreditu jenħtieġ li jkunu l-metodu ta' żborż awtomatiku meta r-rimborż jaqbeż l-ammont ta' EUR 10 000.

(13) L-istituzzjonijiet finanzjarji huma esklużi mill-protezzjoni tad-depożiti. Madankollu, ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, istituzzjonijiet ta' pagament u ditti ta' investiment, ukoll jiddepożitaw il-fondi riċevuti mill-klijenti tagħhom f'kontijiet bankarji, spiss fuq bażi temporanja, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' salvagwardja f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali, inkluża d-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], mad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] u mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]. Meta jitqies ir-rwol dejjem akbar ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, jenħtieġ li d-DGSs jipproteġu dawn id-depożiti bil-kundizzjoni li dawk il-klijenti jiġu identifikati jew identifikabbli.

(14) Il-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux dejjem ikunu jafu liema istituzzjoni ta' kreditu l-istituzzjoni finanzjarja għażlet li tiddepożita l-fondi tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-DGSs ma jaggregaw dawn id-depożiti b'depożitu li l-istess klijenti jista' jkollhom fl-istess istituzzjoni ta' kreditu meta l-istituzzjoni finanzjarja tkun poġġiet id-

---

[38] Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

[39] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

[40] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

depożiti tagħhom. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu ma jkunux jafu l-klijenti intitolati għas-somma miżmuma fil-kontijiet tal-klijent, jew ikunu jistgħu jivverifikaw u jirreġistraw id-*data* individwali ta' dawk il-klijenti. Skont it-tip u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni finanzjarja, jista' jkun hemm ċirkostanzi li fihom ir-rimborż tal-klijent direttament jista' jipperikola lid-detentur ta' kont. Għalhekk, jenħtieġ li d-DGSs jitħallew jirrimborżaw l-ammonti għal kont tal-klijenti miftuħ mid-detentur ta' kont f'istituzzjoni ta' kreditu oħra għall-benefiċċju ta' kull klijent meta jiġu ssodisfati ċerti kriterji. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' pagament doppju f'dawk is-sitwazzjonijiet, kwalunkwe pretensjoni li l-klijenti jkollhom fir-rigward ta' somom miżmumin f'isimhom mid-detentur ta' kont jenħtieġ li jitnaqqas bl-ammont rimborżat mid-DGS lil dawk il-klijenti direttament. Għalhekk, jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tekniċi relatati mal-identifikazzjoni tal-klijenti għall-fini ta' ripagament, il-kriterji għar-ripagament lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent jew lill-klijenti direttament, u r-regoli sabiex jiġu evitati pretensjonijiet multipli għal żborżi lill-istess benefiċjarju.

(15) Meta jirrimborżaw lid-depożitanti, id-DGSs jistgħu jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jwasslu għal tħassib dwar il-ħasil tal-flus. Għalhekk, jenħtieġ li d-DGSs ma joħorġux ir-rimborż lil depożitant meta jiġu nnotifikati li unità tal-intelligence finanzjarja tkun issospendiet kont bankarju jew ta' pagament f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

(16) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li meta DGS tagħmel pagamenti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata għal ammont ugwali għall-pagamenti tagħha u dik il-pretensjoni jenħtieġ li tikklassifika *pari passu* ma' depożiti koperti. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-kontribuzzjoni ta' DGS meta tintuża għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ta' bank miftuħ, u l-kontribuzzjoni tad-DGS għall-finanzjament ta' strateġija ta' trasferiment (għodda tal-bejgħ ta' negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja) segwita minn likwidazzjoni tal-entità residwa. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eżistenza u tal-ammont ta' pretensjoni ta' DGS f'xenarji differenti, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li meta d-DGS tikkontribwixxi sabiex tappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, jew ta' miżuri alternattivi, meta sett ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet, inklużi depożiti, tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil riċevitur, jenħtieġ li dik id-DGS ikollha pretensjoni kontra l-entità residwa fil-proċedimenti ta' stralċ sussegwenti tagħha skont id-dritt nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-kredituri tal-istituzzjoni ta' kreditu li jibqgħu fl-entità residwa effettivament jassorbu t-telf ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu u tittejjeb il-possibbiltà ta' ripagamenti f'insolvenza lid-DGS, jenħtieġ li l-pretensjoni tad-DGS ikollha l-istess klassifikazzjoni bħall-pretensjoni tad-depożitanti. F'każ li tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna (jiġifieri, l-istituzzjoni ta' kreditu tkompli bl-operat tagħha), id-DGS tikkontribwixxi fl-ammont li bih id-depożiti koperti jkunu tniżżlu fil-valur jew ġew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf f'dik l-istituzzjoni ta' kreditu, li kieku kienu ġew inklużi depożiti koperti fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tad-DGS ma tirriżultax fi pretensjoni kontra l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni peress li telimina l-iskop tal-kontribuzzjoni tad-DGS.

(17) Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tal-prattiki tad-DGS u ċ-ċertezza legali għad-depożitanti sabiex jitolbu d-depożiti tagħhom, u sabiex jiġu evitati ostakli operazzjonali għad-DGSs, huwa importanti li jiġi stabbilit perjodu twil b'mod adegwat li fih id-depożitanti jistgħu jitolbu r-ripagament tad-depożiti tagħhom, f'dawk il-

każijiet li fihom id-DGS ma tkunx ħallset lura lid-depożitanti sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/49/UE fil-każ ta' żborż.

(18) Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS jilħqu livell fil-mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-membri tagħha. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk id-DGSs jissodisfawx dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ċar sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs.

(19) Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tad-DGSs, il-fondi tagħhom jenħtieġ li jiġu minn kontribuzzjonijiet stabbli u irrevokabbli. Ċerti sorsi ta' finanzjament tad-DGS, inklużi self u rkupri mistennijin, huma kontinġenti wisq sabiex jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tad-DGS. Sabiex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tad-DGSs għall-ilħuq tal-livell fil-mira tagħhom u sabiex jiġi żgurat li l-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs jiġu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet mill-industrija, jenħtieġ li l-fondi li jikkwalifikaw sabiex jilħqu l-livell fil-mira jiġu distinti minn fondi li huma kkunsidrati bħala sorsi komplementari ta' finanzjament. Il-flussi ta' ħruġ tal-fondi tad-DGS, inklużi r-ripagamenti tas-self prevedibbli, jistgħu jiġu ppjanati u kkunsidrati f'kontribuzzjonijiet regolari mill-membri tad-DGS, u għalhekk jenħtieġ li ma jwasslux għal tnaqqis tal-mezzi finanzjarji disponibbli taħt il-livell fil-mira. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi speċifikat li, wara li jintlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba, huwa biss nuqqas fil-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS ikkawżat minn intervent tad-DGS (żborż, jew miżuri preventivi, ta' riżoluzzjoni jew alternattivi) li jenħtieġ li jniedi perjodu ta' rikostituzzjoni ta' sitt snin. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti, jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tal-livell fil-mira mid-DGSs.

(20) Jenħtieġ li l-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS ikunu jistgħu jintużaw immedjatament sabiex jiffaċċjaw avvenimenti ta' żborż f'daqqa jew interventi oħrajn. Fid-dawl ta' diversi prattiki madwar l-Unjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-istrateġija ta' investiment tal-fondi tad-DGSs sabiex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' DGS li twettaq il-mandat tagħha. Meta DGS ma tkunx kompetenti sabiex tistabbilixxi l-istrateġija ta' investiment, l-awtorità, jew il-korp jew l-entità fl-Istat Membru li jkun responsabbli għall-istabbiliment tal-istrateġija ta' investiment jenħtieġ li, meta tistabbilixxi dik l-istrateġija ta' investiment, tirrispetta wkoll il-prinċipji dwar id-diversifikazzjoni u l-investimenti f'assi b'riskju baxx. Sabiex jiġu ppreżervati l-indipendenza operazzjonali tagħha u l-flessibbiltà tad-DGS f'termini tal-aċċess għall-fondi tagħha, meta l-fondi tad-DGS jiġu ddepożitati fit-teżor, jenħtieġ li dawk il-fondi jiġu allokati u jitqiegħdu f'kont segregat.

(21) L-għażla li jiġu ġġenerati l-mezzi finanzjarji disponibbli ta' DGS permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji mħallsin mill-istituzzjonijiet membri għal skemi eżistenti ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji stabbiliti minn Stat Membru sabiex ikopru l-kostijiet relatati mar-riskju sistemiku qatt ma ntużat u, għalhekk, jenħtieġ li titneħħa.

(22) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitanti, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa għal bejgħ bl-għaġla tal-assi ta' DGS u jiġu limitati l-effetti proċikliċi negattivi possibbli fuq l-industrija bankarja kkawżati mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Għalhekk, jenħtieġ li d-DGS jitħallew jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi li jippermettulhom jiksbu fi kwalunkwe ħin finanzjament għal terminu qasir minn sorsi għajr kontribuzzjonijiet, inkluż qabel ma jużaw il-mezzi

finanzjarji u l-fondi disponibbli tagħhom miġburin permezz ta' kontribuzzjonijiet straordinarji. Minħabba li jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament iġorru l-kost u r-responsabbiltà għall-finanzjament tad-DGSs, arranġamenti alternattivi ta' finanzjament mill-fondi pubbliċi jenħtieġ li jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.

(23) Sabiex jiġi żgurat investiment diversifikat b'mod adegwat tal-fondi tad-DGSs u tal-prattiki konverġenti, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tipprovdi lid-DGSs bi gwida f'dak ir-rigward.

(24) Filwaqt li r-rwol primarju tad-DGSs huwa r-ripagament ta' depożitanti koperti, l-interventi barra mill-iżborż jistgħu jkunu aktar kosteffettivi għad-DGSs u jiżguraw aċċess mingħajr interruzzjoni għad-depożiti billi jiffaċilitaw l-istrateġiji ta' trasferiment. Id-DGSs jistgħu jkunu meħtieġa jikkontribwixxu għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, id-DGSs jistgħu jiffinanzjaw miżuri preventivi sabiex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, jew miżuri alternattivi f'insolvenza. Filwaqt li tali miżuri preventivi u alternattivi jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-protezzjoni tad-depożiti, huwa neċessarju li tali miżuri jiġu soġġetti għal salvagwardji adegwati, inkluż fil-forma ta' test armonizzat tal-anqas kost, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u l-effettività u l-kosteffiċjenza ta' tali miżuri. Tali salvagwardji jenħtieġ li japplikaw biss għal interventi ffinanzjati bil-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs regolati skont din id-Direttiva.

(25) Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu permezz ta' interventi bikrija biżżejjed jista' jkollhom rwol effettiv fil-kontinwità ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet sabiex jinżammu l-kunfidenza tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja. Dawk il-miżuri jistgħu jieħdu diversi forom - miżuri ta' appoġġ ta' kapital permezz ta' strumenti ta' fondi proprji (inklużi strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni) jew strumenti kapitali, garanziji, jew self oħrajn. Id-DGSs kellhom rikors eteroġenu għal dawk il-miżuri. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità tal-għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rikors għal miżuri preventivi b'mod konsistenti mal-qafas ta' riżoluzzjoni u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li jiġu speċifikati t-twaqqit u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom. Miżuri preventivi ma humiex adatti għall-assorbiment ta' telf imġarrab meta l-istituzzjoni ta' kreditu diġà tkun qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli u jenħtieġ li jintużaw kmieni sabiex jiġi evitat id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-bank. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet deżinjati jivverifikaw jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet għal tali intervent tad-DGS. Fl-aħħar nett, dawk il-kundizzjonijiet għall-użu ta' mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' jekk IPS tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41].

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' prevenzjoni jilħqu l-objettiv tagħhom, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jħejju nota li tiddeskrivi l-miżuri li jimpenjaw ruħhom li jwettqu. Jenħtieġ li t-tħejjija ta' tali nota ma tkunx ta' piż żejjed u tieħu wisq żmien sabiex l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura l-possibbiltà li d-DGS tintervjeni kmieni biżżejjed. Għalhekk, in-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

jenħtieġ li tieħu l-forma ta' dokument ta' spjegazzjoni qasir biżżejjed. Jenħtieġ li jenħtieġ tali nota jkun fiha l-elementi kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi u li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li tippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali u ma' rekwiżiti regolatorji oħrajn rilevanti kollha fuq bażi progressiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali nota jkun fiha miżuri ta' ġenerazzjoni tal-kapital, inklużi regoli dwar il-ħruġ ta' drittijiet, il-konverżjoni volontarja ta' strumenti ta' dejn subordinat, eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet, bejgħ li jiġġenera l-kapital ta' assi, it-titolizzazzjoni ta' portafolli, u ż-żamma tal-qligħ, inklużi projbizzjonijiet fuq id-dividendi u projbizzjonijiet fuq l-akkwiżizzjoni ta' ishma f'impriżi. Għall-istess raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fin-nota, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu wkoll il-pożizzjonijiet ta' likwidità tagħhom u jżommu lura minn prattiki kummerċjali aggressivi, u milli jirriakkwistaw ishma proprji jew jeżerċitaw strumenti kapitali ibridi . Tali nota jenħtieġ li jkun fiha wkoll strateġija ta' ħruġ għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ riċevuta. L-awtoritajiet kompetenti jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiġu kkonsultati dwar ir-rilevanza u l-kredibbiltà tal-miżuri previsti fin-nota. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet deżinjati tad-DGS li jintalbu jiffinanzjaw miżura preventiva mill-istituzzjoni ta' kreditu jkunu jistgħu jivvalutaw li l-kundizzjonijiet kollha għall-miżuri preventivi jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mal-awtoritajiet deżinjati. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu nota bħal din.

(27) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirċievu appoġġ mid-DGSs fil-forma ta' miżuri preventivi jwettqu l-impenji tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu pjan ta' rimedju minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jonqsu milli jwettqu l-impenji tagħhom. Meta awtorità kompetenti tkun tal-fehma li l-miżuri fil-pjan ta' rimedju ma jkunux kapaċi jiksbu l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, jenħtieġ li d-DGS ma tipprovdi l-ebda appoġġ preventiv ulterjuri lill-istituzzjoni ta' kreditu. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jfasslu pjan ta' rimedju bħal dan.

(28) Sabiex jiġu evitati effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li fil-każ ta' miżuri alternattivi fl-insolvenza, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw istituzzjoni ta' kreditu fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali (likwidatur, riċevitur, amministratur jew oħrajn) jenħtieġ li jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' parti minnu fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-prezz tal-bejgħ. L-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe intermedjarju li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu jenħtieġ li japplika regoli li huma adegwati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrejja potenzjali. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-użu tar-riżorsi tal-Istat jibqa' soġġett għar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, meta applikabbli.

(29) Peress li l-għan ewlieni tad-DGSs huwa li jipproteġu d-depożiti koperti, jenħtieġ li d-DGSs jitħallew jiffinanzjaw interventi għajr meta t-tali interventi jkunu orħos mill-iżborżi. L-esperjenza bl-applikazzjoni ta' dik ir-regola ("test tal-anqas kost") żvelat diversi nuqqasijiet peress li l-qafas kurrenti ma jagħti l-ebda dettall dwar kif għandu jiġi ddeterminat il-kost ta' dawk l-interventi u lanqas il-kost tal-iżborż. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost madwar l-Unjoni, huwa

neċessarju li jiġi speċifikat il-kalkolu ta' dawk il-kostijiet. Fl-istess ħin, huwa neċessarju li jiġu evitati kundizzjonijiet eċċessivament stretti li effettivament ma jippermettux l-użu tal-fondi tad-DGSs għal interventi oħrajn minbarra l-iżborż. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-anqas kost, jenħtieġ li d-DGS l-ewwel jivverifikaw li l-kost għall-finanzjament tal-miżura magħżula jkun aktar baxx mill-kost tar-rimborż ta' depożiti koperti. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost jenħtieġ li tqis il-valur taż-żmien tal-flus.

(30) Il-likwidazzjoni tista' tkun proċess twil li l-effiċjenza tiegħu tiddependi fuq l-effiċjenza ġudizzjarja nazzjonali, fuq ir-reġimi ta' insolvenza, fuq il-karatteristiċi bankarji individwali, u fuq iċ-ċirkostanzi tal-falliment. Għall-interventi tad-DGSs bħala parti minn miżuri alternattivi, jenħtieġ li t-test tal-anqas kost jiddependi fuq il-valwazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu, stabbilit fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, u fuq l-istima stabbilita fl-Artikolu 36(8) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, l-evalwazzjoni preċiża tal-irkupri tal-likwidazzjoni tista' tkun ta' sfida fil-kuntest tat-test tal-anqas kost għall-miżuri preventivi, li suppost iseħħ ħafna qabel kwalunkwe likwidazzjoni prevedibbli. Għalhekk, il-kontrofattwali għat-test tal-anqas kost għall-miżuri preventivi jenħtieġ li tiġi aġġustata kif xieraq, u fi kwalunkwe każ, l-irkupri mistennijin jenħtieġ li jkunu limitati għal ammont raġonevoli bbażat fuq irkupri f'avvenimenti ta' żborż fil-passat.

(31) Jenħtieġ li l-awtoritajiet deżinjati jistmaw il-kost tal-miżura għad-DGS, inkluż wara r-ripagament ta' self, injezzjoni ta' kapital jew l-użu ta' garanzija, nett mill-qligħ mistenni, mill-ispejjeż operatorji, u mit-telf potenzjali, kontra xenarju kontrofattwali bbażat fuq telf finali ipotetiku fi tmiem il-proċedimenti ta' insolvenza, li jenħtieġ li jqis l-irkupri mid-DGS bħala parti mill-proċedimenti ta' likwidazzjoni ta' bank. Sabiex tingħata stampa ġusta u aktar komprensiva tal-kost attwali tar-ripagament tad-depożitanti, l-istima tat-telf imġarrab minħabba r-rimborż ta' depożiti koperti jenħtieġ li tinkludi kostijiet relatati indirettament mar-rimborż tad-depożitanti. Dawn il-kostijiet jenħtieġ li jinkludu l-kost tar-rikostituzzjoni tad-DGS u l-kost li d-DGS tista' ġġarrab minħabba r-rikors għal finanzjament alternattiv. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tat-test tal-anqas kost, jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost ta' interventi differenti tad-DGSs. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-anqas kost mal-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS fir-rigward tal-miżuri preventivi, jenħtieġ li l-EBA, meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, tqis ir-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontrofattwali għall-iżborż.

(32) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni armonizzata tad-depożitanti u jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet rispettivi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li d-DGS tal-Istat Membru domiċiljari tiżgura l-ħlas lid-depożitanti li jinsabu fl-Istati Membri fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membru tad-DGS jieħdu depożiti u fondi oħrajn ripagabbli billi joffru servizzi ta' depożitu fuq bażi transfruntiera mingħajr stabbiliment fl-Istat Membru ospitanti. Sabiex jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet ta' żborż u l-għoti ta' informazzjoni lid-depożitanti, jenħtieġ li d-DGS tal-Istat Membru ospitanti titħalla topera bħala punt ta' kuntatt għad-depożitanti fl-istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi.

(33) Il-kooperazzjoni bejn id-DGSs madwar l-Unjoni hija vitali sabiex jiġi żgurat ripagament rapidu u kosteffiċjenti tad-depożitanti meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu servizz bankarju permezz ta' fergħat fi Stati Membri oħrajn. Fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi li jippromwovu l-użu ta' trasferimenti transfruntiera u

identifikazzjoni mill-bogħod, jenħtieġ li d-DGS tal-Istat Membru domiċiljari titħalla tagħmel ir-ripagamenti direttament lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fi Stat Membru ieħor, dment li l-piż u l-kostijiet amministrattivi jkunu aktar baxxi milli kieku r-ripagament jitwettaq mid-DGS tal-Istat Membru ospitanti. Jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tikkomplementa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kurrenti, li jirrikjedi li d-DGS tal-Istat Membru ospitanti tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat f'isem id-DGS tal-Istat Membru domiċiljari. Sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenza tad-depożitanti kemm fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll f'dawk domiċiljari, jenħtieġ li l-EBA toħroġ linji gwida sabiex tgħin lid-DGSs f'kooperazzjoni bħal din, fost l-oħrajn billi tissuġġerixxi lista ta' kundizzjonijiet li fihom DGS tal-Istat Membru domiċiljari tista' tiddeċiedi li tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fl-Istat Membru ospitanti.

(34) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jbiddlu l-affiljazzjoni ma' DGS minħabba li jċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom lejn Stat Membru ieħor jew jaqilbu s-sussidjarja tagħhom f'fergħa jew viċi versa. L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2014/49/UE jirrikjedi li l-kontribuzzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu mħallsin matul it-12-il xahar ta' qabel it-trasferiment jiġu ttrasferiti lid-DGS l-oħra bi proporzjon mal-ammont ta' depożiti koperti ttrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet lid-DGS riċeventi ma jkunx jiddependi fuq regoli nazzjonali diverġenti dwar il-fatturazzjoni jew id-data attwali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, id-DGS ta' oriġini jenħtieġ li tikkalkola l-ammont li għandu jiġi ttrasferit fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet dovuti minflok tal-kontribuzzjonijiet imħallsin.

(35) Huwa neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni ugwali tad-depożitanti madwar l-Unjoni li ma tistax tiġi ggarantita bis-sħiħ minn reġim ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-protezzjoni tad-depożitanti f'pajjiżi terzi. Għal dik ir-raġuni, il-fergħat fl-Unjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz jenħtieġ li jissieħbu f'DGS fl-Istat Membru fejn iwettqu l-attività tagħhom ta' teħid ta' depożiti. Dak ir-rekwiżit jiżgura wkoll konsistenza mad-Direttivi 2013/36/UE u 2014/59/UE li għandhom l-għan li jintroduċu oqfsa prudenzjali u ta' riżoluzzjoni aktar robusti għal gruppi ta' pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi bankarji fl-Unjoni. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jiġi evitat li d-DGSs ikunu skoperti għar-riskji ekonomiċi u finanzjarji ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li d-depożiti f'fergħat stabbiliti f'pajjiżi terzi minn istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni ma jiġux protetti.

(36) Divulgazzjoni ta' informazzjoni standardizzata u regolari ttejjeb l-għarfien fost id-depożitanti dwar il-protezzjoni tad-depożiti. Sabiex jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mal-iżviluppi teknoloġiċi, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jqisu l-kanali ta' komunikazzjoni diġitali l-ġodda li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinteraġixxu mad-depożitanti. Jenħtieġ li d-depożitanti jiksbu informazzjoni ċara u omoġenja li tispjega l-protezzjoni tad-depożiti tagħhom, filwaqt li jillimitaw il-piż amministrattiv relatat għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għad-DGSs. Jenħtieġ li l-EBA tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika, minn naħa, il-kontenut u l-format tal-iskeda ta' informazzjoni tad-depożitanti sabiex tikkomunika lid-depożitanti fuq bażi annwali u, min-naħa l-oħra, l-informazzjoni fil-mudell li jew id-DGSs jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma meħtieġa jikkomunikaw lid-depożitanti f'sitwazzjonijiet speċifiċi, inklużi fużjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, determinazzjoni li d-depożiti ma jkunux disponibbli, jew ir-ripagament ta' depożiti ta' fondi tal-klijenti.

(37) Il-fużjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew il-konverżjoni ta' sussidjarja f'fergħa jew viċi versa jistgħu jaffettwaw il-karatteristiċi ewlenin tal-protezzjoni tad-depożitanti. Sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq id-depożitanti li jkollhom depożiti fiż-żewġ banek li

jingħaqdu kif ukoll li l-pretensjoni tagħhom għall-kopertura tad-depożiti titnaqqas minħabba bidliet fl-affiljazzjoni tad-DGS, jenħtieġ li d-depożitanti kollha jiġu infurmati dwar tali bidliet u jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jipprelevaw il-fondi tagħhom mingħajr ma jġarrbu penali sa ammont ugwali għall-kopertura mitlufa tad-depożiti.

(38) Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, jiġi evitat il-kontaġju u d-depożitanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jitolbu d-depożiti meta applikabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet deżinjati, id-DGSs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati jinformaw lid-depożitanti dwar il-fatt li d-depożiti jsiru indisponibbli.

(39) Sabiex tiżdied it-trasparenza għad-depożitanti u sabiex jiġu promossi r-robustezza finanzjarja u l-kunfidenza fost id-DGSs meta jwettqu l-mandat tagħhom, jenħtieġ li jittejbu l-obbligi ta' rapportar kurrenti. Filwaqt li jibnu fuq l-obbligi kurrenti li jippermettu lid-DGSs jitolbu l-informazzjoni neċessarja kollha mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħhom sabiex iħejju għall-iżborż, jenħtieġ li d-DGS ikunu jistgħu jitolbu wkoll l-informazzjoni neċessarja sabiex iħejju għal żborż fil-kuntest ta' kooperazzjoni transfruntiera. Fuq talba minn DGS, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar kwalunkwe negozju transfruntier materjali fi Stati Membri oħrajn. Bl-istess mod, sabiex l-EBA tingħata l-firxa xierqa ta' informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs u dwar l-użu ta' dawk il-mezzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-DGSs jinformaw lill-EBA fuq bażi annwali dwar l-ammont ta' depożiti koperti u l-mezzi finanzjarji disponibbli, u jinnotifikaw lill-EBA dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-użu ta' fondi tad-DGSs jew għal żborżi jew inkella għal miżuri oħrajn. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi rifless ir-rwol imsaħħaħ tad-DGSs fil-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji li għandu l-għan li jiffaċilita l-użu tal-fondi tad-DGSs f'riżoluzzjoni, jenħtieġ li d-DGS ikollhom id-dritt li jirċievu s-sommarju tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex iżidu t-tħejjija ġenerali tagħhom sabiex jagħmlu l-fondi disponibbli.

(40) Jenħtieġ li l-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji jiffaċilitaw l-armonizzazzjoni konsistenti u l-protezzjoni xierqa tad-depożitanti madwar l-Unjoni kollha. Bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat ħafna, ikun effiċjenti u xieraq li l-EBA tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

(41) Jenħtieġ li, meta jkun previst f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppat mill-EBA permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE, f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] sabiex tispeċifika dawn li ġejjin: (a) id-dettalji tekniċi relatati mal-identifikazzjoni tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżborż ta' depożiti ta' fondi tal-klijenti, il-kriterji għar-ripagament lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent jew lill-klijent direttament, u r-regoli sabiex jiġu evitati pretensjonijiet multipli għal żborżi lill-istess benefiċjarju; (b) il-metodoloġija għat-test tal-anqas kost, u (c) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-mezzi finanzjarji disponibbli li jikkwalifikaw għal-livell fil-mira.

(42) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta jkun previst f'din id-Direttiva, tadotta abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-EBA permezz ta' atti ta'

42 Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sabiex tispeċifika: (a) il-kontenut u l-format tal-iskeda ta' informazzjoni tad-depożitanti, il-mudell għall-informazzjoni li d-DGSs jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu jenħtieġ li jikkomunikaw lid-depożitanti; (b) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta tiġi pprovduta informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lid-DGSs tagħhom, u mid-DGSs u mill-awtoritajiet deżinjati lill-EBA, u l-mudelli għall-għoti ta' dik l-informazzjoni.

(43) Għaldaqstant, id-Direttiva 2014/49/KE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(44) Sabiex il-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom barra l-Unjoni li ma jkunux membri ta' DGS stabbilita fl-Unjoni jitħallew jissieħbu f'DGS tal-Unjoni, jenħtieġ li dawk il-fergħat jingħataw perjodu suffiċjenti sabiex jieħdu l-passi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' dak ir-rekwiżit.

(45) Id-Direttiva 2014/49/UE tippermetti lill-Istati Membri jirrikonoxxu IPS bħala DGS jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tikkonforma mad-Direttiva 2014/49/UE. Sabiex jitqies il-mudell kummerċjali speċifiku ta' dawk l-IPSs, b'mod partikolari r-rilevanza tal-miżuri preventivi fil-qalba tal-mandat tagħhom, xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lill-IPSs jadattaw għas-salvagwardji l-ġodda għall-applikazzjoni ta' miżuri preventivi fi żmien perjodu ta' 6 snin. Dan il-perjodu ta' konformità possibbilment itwal iqis l-iskeda ta' żmien għall-akkumulazzjoni ta' fond segregat għal finijiet tal-IPS għajr l-assigurazzjoni tad-depożiti kif miftiehem bejn il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-IPSs rilevanti.

(46) Sabiex id-DGS u l-awtoritajiet deżinjati jkunu jistgħu jibnu l-kapaċità operazzjonali neċessarja sabiex japplikaw ir-regoli l-ġodda dwar l-użu ta' miżuri preventivi, huwa xieraq li tiġi prevista applikazzjoni differita ta' dawk ir-regoli l-ġodda.

(47) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi żgurata protezzjoni uniformi tad-depożitanti fl-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba r-riskji li approċċi nazzjonali diverġenti jistgħu jinvolvu għall-integrità tas-suq uniku iżda pjuttost jistgħu, billi jiġu emendati r-regoli li diġà huma stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2014/49/UE**

Id-Direttiva 2014/49/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u mal-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSs), mal-kopertura u mar-ripagament ta' depożiti, u mal-użu ta' fondi tad-DGS għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) istituzzjonijiet ta' kreditu, u fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra l-Unjoni, li huma affiljati mal-iskemi msemmijin fil-punti (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (3), il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(3) "depożitu" tfisser bilanċ ta' kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li joħorġu minn tranżazzjonijiet bankarji normali abitwalment imwettqin minn istituzzjonijiet ta' kreditu fl-operat tagħhom, u li istituzzjoni ta' kreditu għandha tħallas lura taħt il-kondizzjonijiet legali u kontrattwali applikabbli, inkluż depożitu ta' żmien fiss u depożitu ta' tfaddil, iżda eskluż bilanċ ta' kreditu meta:";

(b) fil-punt (13), il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(13) "impenn ta' pagament" tfisser obbligu irrevokabbli u kompletament kollateralizzat ta' istituzzjoni ta' kreditu sabiex tħallas lil DGS ammont monetarju meta tintalab tagħmel dan minn dik id-DGS, u meta l-kollateral:

(c) jiżdiedu l-punti (19) sa (23) li ġejjin:

(19) "awtorità ta' riżoluzzjoni" tfisser awtorità ta' riżoluzzjoni kif definita fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(20) "depożiti ta' fondi tal-klijenti" tfisser fondi li d-detenturi ta' kontijiet li huma istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddepożitaw matul in-negozju tagħhom ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-kont tal-klijenti tagħhom;

(21) "qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat" tfisser il-qafas stabbilit bl-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE u r-regolamenti u l-atti kollha tal-Unjoni, inklużi l-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi, magħmulin jew adottati skont l-Artikolu 108(4) jew l-Artikolu 109 tat-TFUE;

(22) "ħasil tal-flus" tfisser ħasil tal-flus kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 ta' [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]*";

(23) "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser finanzjament tat-terroriżmu kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]. **';

(d) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Ishma f'kumpaniji tal-bini Irlandiżi, minbarra dawk ta' natura kapitali koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 5(1) għandhom jiġu ttrattati bħala depożiti.";

---

* [Jekk jogħġbok daħħal referenza sħiħa – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final].

** [Jekk jogħġbok daħħal referenza sħiħa – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final.

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mal-obbligi tagħha bħala membru ta' DGS, dik id-DGS għandha tinnotifika minnufih b'dan lill-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' dik id-DGS, tuża s-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, u tieħu minnufih il-miżuri kollha sabiex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tikkonforma mal-obbligi tagħha, inkluż meta jkun neċessarju billi jiġu imposti penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn f'konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tħallas il-kontribuzzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 11(4) fil-perjodu ta' żmien speċifikat mid-DGS, dik id-DGS għandha, għall-perjodu tad-dewmien, titlob rata tal-imgħax statutorja fuq l-ammont dovut.";

(c) il-paragrafi 5 u 6 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tinforma lill-awtorità deżinjata meta l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 4 u 4a jonqsu milli jirrestawraw il-konformità mill-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità deżinjata tivvaluta jekk l-istituzzjoni għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-issoktar tas-sħubija tad-DGS u tinforma lill-awtorità kompetenti bl-eżitu ta' dik il-valutazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirtira l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru tad-DGS jibqgħu koperti minn dik id-DGS.";

(d) jitħassar il-paragrafu 8;

(e) jiżdied il-paragrafu 13 li ġej:

"13. Sa… [OP – jekk jogħġbok żid 36 xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-EBA għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-ambitu, il-kontenut u l-proċeduri tal-istress tests imsemmijin fil-paragrafu 10.";

(4) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi minn kwalunkwe ripagament minn DGS:"

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li b'rabta magħhom kien hemm kundanna kriminali għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu;";

(iii) jitħassar il-punt (e);

(iv) il-punt (f) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(f) depożiti li d-detentur tagħhom qatt ma ġie identifikat skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) …. [jekk jogħġbok daħħal referenza qasira – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final], meta dawk id-depożiti ma jkunux disponibbli, ħlief meta detentur jitlob ħlas u jagħti prova li n-nuqqas ta' identifikazzjoni ma kienx ikkawżat mill-azzjoni tiegħu;";

(v) jitħassar il-punt (j);

(b) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (i), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-depożiti miżmumin minn skemi ta' pensjoni personali u minn skemi ta' pensjoni okkupazzjonali ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju jkunu inklużi sal-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1).";

(5) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Minbarra l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti li ġejjin ikunu protetti bħala minimu sa ammont ta' EUR 500 000 għal tal-anqas sitt (6) xhur wara li l-ammont ikun ġie kkreditat jew mill-mument meta tali depożiti jsiru legalment trasferibbli";

(ii) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli relatati ma' proprjetajiet residenzjali privati u depożiti maħsubin għal tali tranżazzjonijiet, dment li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi fuq terminu qasir minn persuna fiżika, u dment li dik il-persuna fiżika tkun tista' tipprovdi dokumenti li jagħtu prova ta' tali tranżazzjoni;";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura stabbilit fil-paragrafu 2 jissupplimenta l-livell ta' kopertura stabbilit fil-paragrafu 1."

(6) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 5;

(b) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tirrimborża l-imgħax fuq depożiti li jkunu dovuti sa, iżda li ma jkunux ġew ikkreditati jew iddebitati fid-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1), jew awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1). Il-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1) jew, fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 6(2), il-livell ta' kopertura stabbilit f'dak il-paragrafu, ma għandux jinqabeż.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

*"Artikolu 7a*

**Oneru tal-provi għall-eliġibbiltà u għall-intitolament tad-depożiti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 7(3) depożitant jew, meta xieraq, detentur ta' kont, jagħti prova jew li d-depożiti kkonċernati jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), jew l-intitolament għad-depożiti fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 7(3).";

(8) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-DGSs japplikaw perjodu ta' ripagament itwal għad-depożiti msemmijin fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 8b, li ma għandux jaqbeż l-20 jum ta' xogħol mid-data li fiha dawk id-DGSs ikunu rċevew id-dokumentazzjoni sħiħa li huma talbu mingħand depożitant sabiex jeżaminaw il-pretensjonijiet u jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-ripagament ikunu ssodisfati.";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) b'deroga mill-paragrafu 9, ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni relatata mad-depożitu matul l-aħħar 24 xahar (il-kont ikun inattiv), ħlief meta depożitant ikollu wkoll depożiti f'kont ieħor li ma jkunx inattiv";

(ii) jitħassar il-punt (d);

(c) jitħassar il-paragrafu 8;

(d) il-paragrafu 9 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta ma jkun hemm l-ebda tranżazzjoni relatata mad-depożitu matul l-aħħar 24 xahar, id-DGSs ikunu jistgħu jistabbilixxu livell limitu dwar il-kostijiet amministrattivi li kieku jiġġarrbu minn dawk id-DGS sabiex jagħmlu ripagament bħal dan. Id-DGSs ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu passi attivi sabiex iħallsu lura lid-depożitanti f'livell taħt dak il-livell limitu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs iħallsu lura lid-depożitanti taħt dak il-livell limitu meta jintalbu jagħmlu dan minn dawk id-depożitanti.";

(9) jiddaħħlu l-Artikoli 8a, 8b u 8c li ġejjin:

*"Artikolu 8a*

**Ripagament ta' depożiti li jaqbżu l-EUR 10 000**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-ammonti li għandhom jiġu rimborżati jaqbżu l-EUR 10 000, id-DGS għandhom jirrimborżaw lid-depożitanti permezz ta' trasferimenti ta' kreditu kif definiti fil-punt (20) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

*"Artikolu 8b*

**Kopertura tad-depożiti ta' fondi tal-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti ta' fondi tal-klijenti jkunu koperti mid-DGSs meta japplika dan kollu li ġej:

(a) tali depożiti jsiru f'isem u għan-nom ta' klijenti li huma eliġibbli għall-protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(1);

(b) tali depożiti jsiru sabiex jiġu ssegregati l-fondi tal-klijenti f'konformità mar-rekwiżiti ta' salvagwardja stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni li jirregola l-attivitajiet tal-entitajiet imsemmijin fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1);

(c) il-klijenti msemmijin fil-punt (a) jiġu identifikati jew ikunu identifikabbli qabel id-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura msemmi fl-Artikolu 6(1) japplika għal kull klijent li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. B'deroga mill-Artikolu 7(1), meta jiġi ddeterminat l-ammont ripagabbli għal klijent individwali, id-DGS ma għandhiex tqis id-depożiti ta' fondi aggregati li jsiru minn dak il-klijent mal-istess istituzzjoni ta' kreditu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs iħallsu lura d-depożiti koperti jew lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent, jew lill-klijent direttament.

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

(a) id-dettalji tekniċi relatati mal-identifikazzjoni tal-klijenti għar-ripagament f'konformità mal-Artikolu 8;

(b) il-kriterji li bihom u ċ-ċirkostanzi li fihom għandu jsir ir-ripagament lid-detentur ta' kont għall-benefiċċju ta' kull klijent jew lill-klijent direttament;

(c) ir-regoli sabiex jiġu evitati pretensjonijiet multipli għal żborżi lill-istess benefiċjarju.

Meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tqis dawn kollha li ġejjin:

(a) l-ispeċifiċitajiet tal-mudell kummerċjali tat-tipi differenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji msemmijin fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1);

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi tad-dritt applikabbli tal-Unjoni li jirregolaw l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji msemmijin fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1), għat-trattament ta' fondi tal-klijenti.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 8c*

**Sospensjoni tar-ripagamenti f'każ ta' tħassib dwar il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità deżinjata tinforma lid-DGS fi żmien 24 siegħa mill-mument li fih l-awtorità deżinjata tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 48(4) ta' [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 - COM(2021) 423 final] dwar l-eżitu tal-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent imsemmijin fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) …. [jekk jogħġbok daħħal referenza qasira – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni skambjata bejn l-awtorità deżinjata u d-DGS tkun limitata għall-informazzjoni li hija strettament neċessarja għall-eżerċitar tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet tad-DGS skont din id-Direttiva u li tali skambju ta' informazzjoni jirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jissospendu r-ripagament imsemmi fl-Artikolu 8(1) meta depożitant jew kwalunkwe persuna intitolata għal somom miżmumin fil-kont tagħha tkun ġiet akkużata b'reat li jirriżulta minn ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, jew relatat ma' dawn, sakemm tinqata' s-sentenza tal-qorti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jissospendu r-ripagament imsemmi fl-Artikolu 8(1) għall-istess durata kif stabbilita fl-Artikolu 20 ta' [jekk jogħġbok daħħal referenza qasira – proposta għal Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 - COM(2021) 423 final] meta jiġu nnotifikati mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja msemmija fl-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 - COM(2021) 423 final] li dik l-Unità ddeċidiet li tissospendi tranżazzjoni jew li żżomm il-kunsens għall-proċediment ta' tali tranżazzjoni, jew li tissospendi kont tal-bank jew ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 20(1) jew (2) tad-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 - COM(2021) 423 final].

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs ma jinżammux responsabbli għal kwalunkwe miżura meħuda f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja. Id-DGSs għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni riċevuta mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għall-finijiet ta' din id-Direttiva biss.

---

* Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-qlib tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

** Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).";

(10) fl-Artikolu 9, il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Mingħajr preġudizzju għal drittijiet li huma jista' jkollhom skont id-dritt nazzjonali, id-DGSs li jagħmlu pagamenti taħt garanzija fi ħdan qafas nazzjonali għandu jkollhom id-dritt ta' surroga għad-drittijiet tad-depożitanti fi proċedimenti ta' stralċ jew ta' riorganizzazzjoni għal ammont ekwivalenti għall-pagamenti tad-DGSs magħmulin lid-depożitanti. Id-DGSs li jagħmlu kontribuzzjoni fil-kuntest tal-għodod ta' riżoluzzjoni msemmijin fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 37(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, jew fil-kuntest tal-miżuri meħudin f'konformità mal-Artikolu 11(5) ta' din id-Direttiva, għandu jkollhom pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta' kreditu residwa għal kwalunkwe telf imġarrab bħala riżultat ta' kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula għar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew għat-trasferiment magħmul skont l-Artikolu 11(5) ta' din id-Direttiva b'rabta ma' telf li kieku kien ikollhom iġarrbu d-depożitanti. Dik il-pretensjoni għandha tikklassifika fl-istess livell bħad-depożiti koperti skont id-dritt nazzjonali li jirregola l-proċedimenti normali ta' insolvenza.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitanti li d-depożiti tagħhom ma jkunux tħallsu lura jew ġew irrikonoxxuti mid-DGS sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (3) ikunu jistgħu jitolbu r-ripagament tad-depożiti tagħhom fi żmien 5 snin.";

(11) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) wara l-ewwel subparagrafu jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-kalkolu tal-livell fil-mira msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-perjodu ta' referenza għandu jkun bejn il-31 ta' Diċembru ta' qabel id-data li fiha għandu jintlaħaq il-livell fil-mira u dik id-data.

Meta jiddeterminaw jekk id-DGS tkunx laħqet dak il-livell fil-mira, l-Istati Membri għandhom iqisu biss il-mezzi finanzjarji disponibbli li jkunu kkontribwew direttament jew ġew irkuprati minn membri għad-DGS, netti mit-tariffi u mill-imposti amministrattivi. Dawk il-mezzi finanzjarji disponibbli għandhom jinkludu introjtu mill-investiment derivat minn fondi kkontribwiti minn membri għad-DGS, iżda għandhom jeskludu ripagamenti mhux mitlubin minn depożitanti eliġibbli matul il-proċeduri ta' żborż, u self bejn id-DGSs.";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Meta, wara li jintlaħaq il-livell fil-mira msemmi fl-ewwel subparagrafu għall-ewwel darba u l-mezzi finanzjarji disponibbli, wara żborż tal-fondi tad-DGSs f'konformità mal-Artikolu 8(1) u mal-Artikolu 11(2), (3), u (5), ikunu tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, id-DGSs għandhom jistabbilixxu l-kontribuzzjoni regolari f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien 6 snin.";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li d-DGS tqis sabiex tilħaq il-livell fil-mira msemmi fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu impenji ta' pagament. Is-sehem totali ta' impenji ta' pagament bħal dawn ma għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali ta' mezzi finanzjarji disponibbli ġġenerati f'konformità mal-paragrafu 2.

L-EBA għandha toħroġ linji gwida dwar l-impenji ta' pagament li jistabbilixxu l-kriterji għall-ammissibbiltà ta' dawk l-impenji;"

(c) jitħassar il-paragrafu 4;

(d) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istat Membru għandu jiżgura li d-DGSs, l-awtoritajiet deżinjati, jew l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu l-istrateġija ta' investiment għall-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs, u li dik l-istrateġija ta' investiment tikkonforma mal-prinċipju ta' diversifikazzjoni u ta' investimenti f'assi b'riskju baxx.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs ikunu jistgħu jqiegħdu l-mezzi finanzjarji disponibbli kollha tagħhom jew parti minnhom mal-bank ċentrali nazzjonali jew mat-teżor nazzjonali tagħhom, dment li dawk il-mezzi finanzjarji disponibbli jinżammu f'kont segregat u li jkunu faċilment disponibbli għall-użu mid-DGSs f'konformità mal-Artikoli 11 u 12.";

(f) jitħassar il-paragrafu 10;

(g) jiżdiedu l-paragrafi 11, 12 u 13 li ġejjin:

"11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-kuntest tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(1), (2), (3) u (5), id-DGSs jistgħu jużaw il-fondi li joriġinaw mill-arranġamenti ta' finanzjament alternattivi msemmijin fl-Artikolu 10(9) li ma humiex iffinanzjati permezz ta' fondi pubbliċi, qabel ma jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli u qabel ma jiġbru l-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS jużaw arranġamenti ta' finanzjament alternattivi ffinanzjati permezz ta' fondi pubbliċi biss bħala l-aħħar alternattiva.

12. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-mezzi finanzjarji disponibbli li jikkwalifikaw għal-livell fil-mira msemmi fil-paragrafu 2, inkluża d-delineazzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs u l-kategoriji ta' mezzi finanzjarji disponibbli li jirriżultaw minn fondi kkontribwiti;

(b) id-dettalji tal-proċess sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira msemmi fil-paragrafu 2 wara li DGS tkun użat il-mezzi finanzjarji disponibbli f'konformità mal-Artikolu 11.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

13. Minn… [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-EBA għandha tiżviluppa linji gwida sabiex tgħin lid-DGSs bid-diversifikazzjoni tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom u dwar kif d-DGSs jistgħu jinvestu f'assi b'riskju baxx applikabbli għall-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGSs.";

(12) l-Artikolu 11 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**Użu ta' fondi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli msemmijin fl-Artikolu 10 primarjament sabiex iħallsu lura lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8 mingħajr preġudizzju għall-użu ta' mezzi finanzjarji addizzjonali miġburin mid-DGSs għat-twettiq ta' mandati għajr il-protezzjoni tad-depożitanti skont din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli sabiex jiffinanzjaw ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiddeterminaw l-ammont li DGS għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, wara li dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu kkonsultaw lid-DGS dwar ir-riżultati tat-test tal-anqas kost imsemmi fl-Artikolu 11e ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lid-DGSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għall-miżuri preventivi kif imsemmi fl-Artikolu 11a għall-benefiċċju ta' istituzzjoni ta' kreditu meta jkun japplika dan kollu li ġej:

(a) ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) id-DGS tkun ikkonfermat li l-kost tal-miżura ma jaqbiżx il-kost tar-ripagament tad-depożitanti kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 11e;

(c) ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b.

4. Meta jintużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għal miżuri preventivi kif imsemmi fl-Artikolu 11a, l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati għandhom jipprovdu immedjatament lid-DGS bil-mezzi użati għal tali miżuri, meta jkunu neċessarji fil-forma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji, meta tkun tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tinqala' l-ħtieġa li jitħallsu lura d-depożitanti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS jammontaw għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira;

(b) il-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DGS jaqgħu taħt il-25 % tal-livell fil-mira.

5. Meta istituzzjoni ta' kreditu tiġi stralċata f'konformità mal-Artikolu 32b tad-Direttiva 2014/59/UE sabiex toħroġ mis-suq jew ittemm l-attività bankarja tagħha, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lid-DGSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għal miżuri alternattivi sabiex jippreżervaw l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti tagħhom, inkluż it-trasferiment ta' assi u ta' obbligazzjonijiet u trasferiment ta' ktieb tad-depożiti, dment li d-DGS tikkonferma li l-kost tal-miżura ma jaqbiżx il-kost tar-ripagament tad-depożitanti kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 11e ta' din id-Direttiva u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 11d ta' din id-Direttiva.";

(13) jiddaħħlu l-Artikoli 11a sa 11e li ġejjin:

*"Artikolu 11a*

**Miżuri preventivi**

1. Meta l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' fondi tad-DGSs għal miżuri preventivi kif imsemmi fl-Artikolu 11(3), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli għall-miżuri preventivi msemmijin fl-Artikolu 11(3), dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-talba ta' istituzzjoni ta' kreditu għall-finanzjament ta' tali miżuri preventivi tkun akkumpanjata minn nota li jkun fiha miżuri kif imsemmijin fl-Artikolu 11b;

(b) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ikkonsultat lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri previsti fin-nota msemmijin fl-Artikolu 11b;

(c) l-użu ta' miżuri preventivi mid-DGS huwa marbut ma' kundizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata, li jinvolvu tal-anqas monitoraġġ tar-riskju aktar strett tal-istituzzjoni ta' kreditu u drittijiet ta' verifika akbar għad-DGS;

(d) l-użu tal-miżuri preventivi mid-DGS jiddependi fuq l-impenji tal-istituzzjoni ta' kreditu li tiżgura aċċess għal depożiti koperti;

(e) l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati jkunu jistgħu jħallsu l-kontribuzzjonijiet straordinarji f'konformità mal-Artikolu 11(4);

(f) l-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mal-obbligi tagħha skont din id-Direttiva u tkun ħallset lura bis-sħiħ kwalunkwe miżura preventiva preċedenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs ikollhom sistemi ta' monitoraġġ u proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-seħħ li huma xierqa għall-għażla u għall-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u għall-monitoraġġ tar-riskji affiljati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jistgħu jimplimentaw miżuri preventivi biss meta l-awtorità deżinjata tkun ikkonfermat li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati. L-awtorità deżinjata għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS li tuża l-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha għal miżuri ta' appoġġ kapitali tittrasferixxi l-parteċipazzjonijiet tagħha ta' ishma jew strumenti kapitali oħrajn fl-istituzzjoni ta' kreditu appoġġata lis-settur privat malli ċ-ċirkostanzi kummerċjali u finanzjarji jippermettu.

*"Artikolu 11b*

**Nota ta' akkumpanjament mal-miżuri preventivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jitolbu lil DGS tiffinanzja miżuri preventivi f'konformità mal-Artikolu 11(3) jippreżentaw lill-awtorità kompetenti għall-konsultazzjoni nota b'miżuri li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu impenn li jieħdu sabiex jiżguraw jew jirrestawraw il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji applikabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. In-nota msemmija fil-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi azzjonijiet sabiex jittaffa r-riskju ta' deterjorament tas-solidità finanzjarja u tissaħħaħ il-pożizzjoni kapitali u ta' likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżura ta' appoġġ kapitali, in-nota msemmija fil-paragrafu 1 tidentifika l-miżuri kollha ta' ġenerazzjoni tal-kapital li jistgħu jiġu implimentati, inklużi salvagwardji li jipprevjenu l-ħruġ ta' fondi, valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali li tħares 'il quddiem, u determinazzjoni sussegwenti tad-defiċit ta' kapital li d-DGS għandha tkopri.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' miżura ta' appoġġ tal-likwidità, in-nota msemmija fil-paragrafu 1 tipprevedi skeda ta' ripagament speċifikata b'mod ċar mill-istituzzjoni ta' kreditu ta' kwalunkwe fond riċevut bħala parti mill-miżuri preventivi.

5. Meta rilevanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmija fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' konservazzjoni tal-kapital imsemmi fl-Artikolu 142 tad-Direttiva 2013/36/UE.

6. Meta jkun applikabbli l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti fin-nota msemmijin fil-paragrafu 1 ikunu allinjati mal-pjan ta' ristrutturar li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.

*“Artikolu 11c*

**Pjan ta’ rimedju**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-istituzzjoni ta’ kreditu tonqos milli tissodisfa l-impenji deskritti fin-nota msemmija fl-Artikolu 11b(1), jew tonqos milli tħallas lura l-ammont ikkontribwit skont il-miżuri preventivi mal-maturità, id-DGS tinforma lill-awtorità kompetenti b’dan mingħajr dewmien.

2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti titlob lill-istituzzjoni ta’ kreditu tissottometti pjan ta’ rimedju li jiddeskrivi l-passi li se tieħu l-istituzzjoni ta’ kreditu sabiex tiżgura jew tirrestawra l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, sabiex tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tagħha u sabiex tħallas lura l-ammont dovut ikkontribwit mid-DGS għall-miżura preventiva, kif ukoll il-perjodu ta’ żmien assoċjat.

3. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta’ rimedju jkun kredibbli jew fattibbli, id-DGS ma għandha tagħti l-ebda miżura preventiva ulterjuri lil dik l-istituzzjoni ta’ kreditu.

4. Sa … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 42 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], l-EBA għandha toħroġ linji gwida li jistabbilixxu elementi tan-nota li takkumpanja l-miżuri preventivi msemmija fl-Artikolu 11b(1) u l-pjan ta’ rimedju msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

*“Artikolu 11d*

**Trasparenza tal-proċess ta’ kummerċjalizzazzjoni f’miżuri alternattivi**

1. Meta l-Istati Membri jippermettu l-użu ta’ fondi tad-DGSs għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), huma għandhom jiżguraw li meta d-DGSs jiffinanzjaw miżuri bħal dawn, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jikkummerċjalizzaw, jew jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-assi, tad-drittijiet u tal-obbligazzjonijiet li dawk l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jkollhom l-intenzjoni li jittrasferixxu. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, it-tali kummerċjalizzazzjoni għandha tikkonforma ma’ dan kollu li ġej:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni tkun miftuħa u trasparenti u ma tirrappreżentax ħażin l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni ma tiffavorixxix u lanqas ma tiddiskrimina bejn ix-xerrejja potenzjali u ma tagħti l-ebda vantaġġ lil xerrej potenzjali;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni tkun ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta’ interess;

(d) il-kummerċjalizzazzjoni tqis il-ħtieġa li tiġi implimentata soluzzjoni rapida li tqis l-iskadenza stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2), għad-determinazzjoni msemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1);

(e) il-kummerċjalizzazzjoni għandha l-għan li timmassimizza, kemm jista’ jkun, il-prezz tal-bejgħ għall-assi, għad-drittijiet u għall-obbligazzjonijiet ikkonċernati.

*“Artikolu 11e*

**Test tal-anqas kost**

1. Meta jikkunsidraw l-użu tal-fondi tad-DGSs għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) jew (5), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs jagħmlu paragun ta’ dawn li ġejjin:

(a) il-kost stmat għad-DGS sabiex tiffinanzja l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) jew (5);

(b) il-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8(1).

2. Għall-paragun, imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) għall-istima tal-kostijiet imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1, id-DGS għandha tqis il-qligħ mistenni, l-ispejjeż operatorji u t-telf potenzjali relatat mal-miżura;

(b) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2) u (5), id-DGS għandha tibbaża l-istima tagħha tal-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, fuq il-valwazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu msemmijin fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-istima msemmija fl-Artikolu 36(8) ta' dik id-Direttiva;

(c) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5), meta tistma l-kost tar-ripagament lid-depożitanti, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, id-DGS għandha tqis il-proporzjon mistenni tal-irkupri, il-kost għar-rikostituzzjoni tad-DGS li għandu jiġġarrab mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membri tad-DGS, u l-kost addizzjonali potenzjali tal-finanzjament għad-DGS;

(d) għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(3), meta tistma l-kost tar-ripagament tad-depożitanti, id-DGS għandha timmoltiplika b'85 % il-proporzjon stmat tal-irkupri kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-punt b tal-paragrafu 5.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont użat għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), għall-miżuri preventivi msemmijin fl-Artikolu 11(3), jew għall-miżuri alternattivi msemmijin fl-Artikolu 11(5), ma jaqbiżx l-ammont ta' depożiti koperti fl-istituzzjoni ta' kreditu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni jipprovdu lid-DGS bl-informazzjoni neċessarja kollha għall-paragun imsemmi fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tipprovdi lid-DGS bil-kost stmat tal-kontribuzzjoni tad-DGS għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 11(2).

5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, li għandha tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-miżura kkonċernata;

(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament tad-depożitanti msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, inkluż il-proporzjon stmat tal-irkupri msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 2;

(c) il-mod kif għandu jingħata rendikont, fil-metodoloġiji msemmijin fil-punti (a), (b) u (c), meta rilevanti, lill-bidla fil-valur tal-flus minħabba qligħ dovut potenzjali dovut maż-żmien.

Għall-kalkolu tal-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 fil-każ ta' miżuri preventivi, il-metodoloġija msemmija fil-punt (b) għandha tqis l-importanza ta' miżuri preventivi għall-mandat statutorju jew kuntrattwali tad-DGS, inkluża l-IPS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2).

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(14) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs ikopru lid-depożitanti f'fergħat stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu membri tagħhom fi Stati Membri oħrajn u lid-depożitanti li jinsabu fi Stati Membri fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu membri tagħhom jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li DGS tal-Istat Membru domiċiljari tkun tista' tiddeċiedi li tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat direttament meta jkunu japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(i) il-piż amministrattiv u l-kost ta' tali ripagament ikunu anqas mir-ripagament minn DGS tal-Istat Membru ospitanti;

(ii) id-DGS tal-Istat Membru domiċiljari tiżgura li d-depożitanti ma jiġux minn taħt meta mqabblin max-xenarju li fih ir-rimborż kien isir f'konformità mal-ewwel subparagrafu.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li DGS ta' Stat Membru ospitanti tkun tista', soġġetta għal ftehim ma' DGS ta' Stat Membru domiċiljari, taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għad-depożitanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V tad-Direttiva 2013/36/UE, u għandha tiġi kkumpensata għall-kostijiet imġarrbin.

2b. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 2a, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS tal-Istat Membru domiċiljari u d-DGS tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat ikollhom ftehim fis-seħħ dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iżborż, inkluż dwar il-kumpens ta' kwalunkwe kost imġarrab, il-punt ta' kuntatt għad-depożitanti, l-iskeda ta' żmien u l-metodu ta' pagament.";

(d) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' DGS u tingħaqad ma' DGS ta' Stat Membru ieħor, jew jekk xi wħud mill-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu jiġu ttrasferiti lil DGS ta' Stat Membru ieħor, id-DGS ta' oriġini għandha tittrasferixxi lid-DGS riċeventi l-kontribuzzjonijiet dovuti għall-aħħar 12-il xahar qabel il-bidla fis-sħubija mad-DGS, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmijin fl-Artikolu 10(8).";

(e) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGS ta' oriġini tittrasferixxi l-ammont imsemmi f'dak il-paragrafu fi żmien xahar wieħed (1) mill-bidla fis-sħubija mad-DGS.";

(f) jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

"9. L-EBA għandha toħroġ linji gwida dwar kif l-EBA tara r-rwoli rispettivi tad-DGSs domiċiljari u ta' ospitanti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, u li jkun fihom lista ta' ċirkostanzi u ta' kundizzjonijiet li taħthom DGS tal-Istat Membru domiċiljari jenħtieġ li tkun tista' tiddeċiedi li tħallas lura lid-depożitanti f'fergħat li jinsabu fi Stat Membru ieħor kif stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2.";

(15) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

**Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Unjoni jissieħbu f'DGS fit-territorju tagħhom qabel ma jippermettu lil tali fergħat jieħdu depożiti eliġibbli f'dawk l-Istati Membri.";

(16) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"*Artikolu 15a*

**Istituzzjonijiet ta' kreditu membri li għandhom fergħat f'pajjiżi terzi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs ma jkoprux lid-depożitanti f'fergħat li jkunu ġew stabbiliti f'pajjiżi terzi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu membri tagħhom, ħlief meta, soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità deżinjata, dawk id-DGSs jiġġeneraw il-kontribuzzjonijiet korrispondenti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati.";

(17) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu lid-depożitanti attwali u prospettivi bl-informazzjoni li dawk id-depożitanti jeħtieġ li jidentifikaw id-DGSs li tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu u l-fergħat tagħha jkunu membri fl-Unjoni. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni fil-forma ta' skeda ta' informazzjoni mħejjija f'format li minnu tista' tiġi estratta *data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP]***.

---

*** Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' jj xx ss li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikun fiha dan kollu li ġej:

(i) informazzjoni bażika dwar il-protezzjoni ta' depożiti;

(ii) id-dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni ta' kreditu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għal informazzjoni dwar il-kontenut tal-iskeda ta' informazzjoni;

(iii) il-livell ta' kopertura għad-depożiti kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) u 6(2) f'EUR jew, meta rilevanti, f'munita oħra;

(iv) esklużjonijiet applikabbli mill-protezzjoni tad-DGS;

(v) limitu ta' protezzjoni fir-rigward ta' kontijiet konġunti;

(vi) perjodu ta' rimborż f'każ ta' falliment tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(vii) munita ta' rimborż;

(viii) identifikazzjoni tad-DGS responsabbli għall-protezzjoni ta' depożitu, inkluża referenza għas-sit web tagħha.";

(c) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti u, wara dan, kull sena. Id-depożitanti għandhom jikkonfermaw ir-riċevuta ta' dik l-iskeda ta' informazzjoni.";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkonfermaw fir-rapporti tal-kontijiet tad-depożitanti tagħhom li d-depożiti jkunu depożiti eliġibbli, inkluża referenza għall-iskeda ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.";

(e) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 disponibbli bil-lingwa li tkun ġiet miftiehma mid-depożitant u mill-istituzzjoni ta' kreditu meta l-kont ikun infetaħ jew bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-fergħa.";

(f) il-paragrafi 6 u 7 huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

"6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' fużjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' konverżjoni ta' sussidjarji ta' istituzzjoni ta' kreditu f'fergħat, jew ta' operazzjonijiet simili, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinnotifikaw lid-depożitanti tagħhom b'dan tal-anqas xahar wieħed (1) qabel ma dik l-operazzjoni tidħol fis-seħħ legalment, sakemm l-awtorità kompetenti ma tippermettix skadenza iqsar fuq il-bażi tas-segretezza kummerċjali jew tal-istabbiltà finanzjarja. Dik in-notifika għandha tispjega l-impatt tal-operazzjoni fuq il-protezzjoni tad-depożitanti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta bħala riżultat tal-operazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu, id-depożitanti b'depożiti f'dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu affettwati mill-protezzjoni mnaqqsa tad-depożiti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati jinnotifikaw lil dawk id-depożitanti li jistgħu jirtiraw jew jittrasferixxu lil istituzzjoni ta' kreditu oħra d-depożiti eliġibbli tagħhom, inklużi l-imgħax u l-benefiċċji dovuti kollha, mingħajr ma jġarrbu penali sa ammont ugwali għall-kopertura mitlufa tad-

depożiti tagħhom fi żmien 3 xhur wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jibqgħux membri ta' DGS jinfurmaw lid-depożitanti tagħhom b'dan tal-anqas xahar wieħed (1) qabel tali ċessjoni.";

(g) jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet deżinjati, id-DGSs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati jinformaw lid-depożitanti, inkluż permezz ta' pubblikazzjoni fuq is-siti web tagħhom, dwar il-fatt li awtorità amministrattiva rilevanti tkun għamlet determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1), jew awtorità ġudizzjarja tkun ħadet deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).";

(h) il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta depożitant juża servizzi bankarji fuq l-internet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-informazzjoni li jridu jipprovdu lid-depożitanti tagħhom skont din id-Direttiva b'mezzi elettroniċi sakemm depożitant ma jitlobx li jirċievi dik l-informazzjoni stampata.";

(i) jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

"9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika:

(a) il-kontenut u l-format tal-iskeda ta' informazzjoni, imsemmija fil-paragrafu 1a;

(b) il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-għoti tal-informazzjoni, u l-kontenut ta' din, li għandha tiġi pprovduta fil-komunikazzjonijiet mill-awtoritajiet deżinjati, mid-DGSs jew mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lid-depożitanti, fis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 8b u 8c u fil-paragrafi 6, 7 u 7a ta' dan l-Artikolu.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa … [OP - jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(18) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"*Artikolu 16a*

**Skambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-DGS, u rapportar mill-awtoritajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-DGSs, fi kwalunkwe ħin u fuq talba, jirċievu mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati tagħhom l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex iħejju għal ripagament tad-depożitanti, f'konformità mar-rekwiżit ta' identifikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 5(4), inkluża l-informazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 8(5) u tal-Artikoli 8b u 8c.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu, fuq talba ta' DGS, jipprovdu lid-DGS li tagħha jkunu membri informazzjoni dwar:

(a) id-depożitanti f'fergħat ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) id-depożitanti li huma riċevituri ta' servizzi pprovduti mill-istituzzjonijiet membri fuq il-bażi tal-libertà li jipprovdu servizzi.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) għandha tindika l-Istati Membri li fihom jinsabu dawk il-fergħat jew id-depożitanti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-DGSs jinformaw lill-EBA bl-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Sal-istess data, id-DGSs għandhom jirrapportaw ukoll lill-EBA l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom, inkluż is-sehem ta' riżorsi meħudin b'self, l-impenji ta' pagament u l-iskeda ta' żmien sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira f'każ ta' użu ta' fondi tad-DGSs.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet deżinjati jinnotifikaw lill-EBA, mingħajr dewmien żejjed, dwar dan kollu li ġej:

(a) id-determinazzjoni ta' depożiti mhux disponibbli skont iċ-ċirkostanzi msemmijin fil-punt (8) tal-Artikolu 2(1);

(b) jekk ġietx applikata kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5) u l-ammont ta' fondi użati f'konformità mal-Artikolu 8(1) u mal-Artikolu 11(2), (3) u (5), u, meta applikabbli u ladarba jkun disponibbli, l-ammont ta' fondi rkuprati, il-kost li jirriżulta għad-DGS u d-durata tal-proċess ta' rkupru;

(c) id-disponibbiltà u l-użu ta' arranġamenti alternattivi ta' finanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 10(3);

(d) kwalunkwe DGS li waqfet topera jew l-istabbiliment ta' kwalunkwe DGS ġdida, inkluż bħala riżultat ta' fużjoni jew tal-fatt li DGS bdiet topera fuq bażi transfruntiera.

In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fiha sommarju li jiddeskrivi dawn kollha li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni inizjali tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(b) il-miżuri li għalihom intużaw fondi tad-DGS;

(c) l-ammont mistenni ta' mezzi finanzjarji disponibbli użati.

5. L-EBA għandha tippubblika l-informazzjoni li tirċievi f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u s-sommarju msemmi fil-paragrafu 4 mingħajr dewmien żejjed.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu membru ta' DGS jipprovdu lil dik id-DGS, fuq talba, bis-sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 2014/59/UE, dment li tali informazzjoni tkun neċessarja għad-DGS u għall-awtoritajiet deżinjati sabiex jeżerċitaw l-obbligi msemmijin fl-Artikolu 11(2), (3) u (5) u fl-Artikolu 11e.

7. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta tiġi pprovduta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, il-mudelli għall-għoti ta' dik l-

informazzjoni, u sabiex tispeċifika aktar il-kontenut ta' dik l-informazzjoni, filwaqt li tqis it-tipi ta' depożitanti.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa …. [OP - jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(19) Jitħassar l-Anness I.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Unjoni u li jieħdu depożiti eliġibbli fi Stat Membru fi … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ], u li ma jkunux membri ta' DGS f'dik id-data, jissieħbu f'DGS li topera fit-territorji tagħhom sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ]. L-Artikolu 1(15) ma għandux japplika għal dawk il-fergħat sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ].

2. B'deroga mill-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, u l-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi, sa [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-IPS imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE kif applikabbli fi [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard minn … [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … [OP – jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 11(3), kif emendat b'din id-Direttiva, u mal-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11e fir-rigward tal-miżuri preventivi minn … [PO – jekk jogħġbok daħħal id-data = 48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |